

31997R0012

L 9/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.1.1997

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 12/97  
tat-18 ta' Diċembru 1996**

**li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jippreskrivi d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni  
tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (¹), kif emendat b'Att tal-Għaqda ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarmen l-Artikolu 249 tiegħu,

Billi Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (²), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2153/96 (³), jesiġi dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92;

Billi l-Kunsill addotta d-Deċiżjoni 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 rigward il-konklużjoni fissem il-Komunità Ewropea, f'dak li għandu x'jaqsam ma' materji fil-kompetenza tiegħu, ta' l-arrangġamenti milħuqa fil-Laqqha ta' l-Urugwaj dwar negozjati multilaterali (1986 sa 1994) (⁴); billi, bis-sahħha ta' l-Anness 1 A ta' dik id-deċiżjoni, li jirrigwarda l-ftehim dwar ir-regoli ta' l-oriġini, il-Komunità ntrabtet li tistabilixxi sistema ta' informazzjoni li torbot dwar l-oriġini;

Billi huwa meħtieġ, f'dak li għandu x'jaqsam man-natura spċificika ta' kull sistema ta' regoli ta' oriġini, li tittejjeb il-konsistenza bejn dawk is-sistemi sabiex tiffacċilita il-leġibilità kollha kemm hi u partikolarmen għar-regoli awtonomi ta' l-oriġini; billi huwa meħtieġ li tittieħed konsiderazzjoni tad-dħul b'effett tan-nomenklatura magħquda addottata sussegwentament ta' l-emenda għal-Dekrizzjoni Armonizzata ta' Merkanzija u Sistema ta' Kodiċi, flimkien mad-dħul b'effett taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A kif emendata b'Unctad;

Billi għandu jkun kjarament iddettemminat liema dokumenti għandhom jakkumpanjaw id-dikjazzjoni tad-dħul għal

(¹) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

(²) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

(³) ĠU L 289, tat-12.11.1996, p. 1.

(⁴) ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 1.

proċedura doganali b'impatt ekonomiku, sabiex titnaqqas il-formalitā marbuta ma' l-applikar ta' dawk il-proċeduri;

Billi huwa xireaq li tkun spċificata ċerta informazzjoni kritika li għandha tkun inkluża fuq l-irċevuta meta d-dazju jkun imħallas wara dikjarazzjoni orali, bħala evidenza li l-formalitajiet doganali għall-oġġetti fdak il-każ kienu ġew imwettqa kollha;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 482/96 (⁵) li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità introduċa aktar flessibilità fil-forniment ta' prova alternattiva biex jakkwista r-rilaxx ta' operazzjonijiet transiti tal-Komunità fil-każ ta' nuqqas ta' ritorn ta' Kopja 5 tad-Dokument Amministrattiv Singlu; billi flessibilità ugħwali għandha tkun introdotta fil-forniment ta' prova alternattiva fil-każ ta' nuqqas ta' ritorn tal-kopja tar-ritorn tal-carnet TIR jew il-carnet ATA;

Billi kienet saret dispożizzjoni wkoll fir-Regolament (KE) Nru 482/96 għall-preskriżżjoni ta' itenerarji li jorbtu premezz tal-proċedura transita tal-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam, partikolarmen, mal-moviment ta' oġġetti li dwarhom il-għaranzija kompreksiva hija sospiża; billi miżuri identiċi ta' kontroll għandhom ukoll ikunu esigti għall-istess oġġetti permezz tal-proċedura TIR;

Billi għandhom isiru d-dispożizzjonijiet għal dazji ta' importazzjoni sabiex jitħallsu lura wara l-esportazzjoni ta' oġġett fi stat mhux mibdul li jitqiegħdu lura taħt il-proċedura ta' ipproċessar il-ġewwa (sistema ta' teħid lura);

Billi bis-sahħha ta' l-Artikoli 871 u 905 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni, fuq il-bażi ta' informazzjoni fornuta mill-Istati Membri, kemm dwar sitwazzjonijiet li ma jkunux suġġetti ta' tneħħija b'lura mid-dħul fil-kotba tal-kontijiet ta' dazji fuq l-importazzjoni jew dazji ta' l-esportazzjoni u dwar talbiet għal pagament lura jew remissjoni tad-dazji ta' l-importazzjoni jew esportazzjoni;

(⁵) ĠU L 70, ta' l-20.3.1996, p. 4.

Billi d-dritt għal smiegħ xieraq ta' persuni affetwati b'deċiżjoni dwar tneħħija bl-ura mid-dħul fil-kotba tal-kontijiet ta' dazji ta' l-importazzjoni jew esportazzjoni w applikanti għal pagament lura jew remissjoni ta' dazji ta' l-importazzjoni jew esportazzjoni, għandu jkun iggarantit;

Billi sabiex ikunu evitati proċeduri ta' rkupru f'każi fejn l-pagament ikun tali li aktar īva milli le aktar jkun sejjjer isir sussegwentament, għandha ssir dispożizzjoni sabiex ikunu sospiżi l-obligazzjonijiet tad-debiti milli jħallas dazji fdawn il-każi, bi qbil partikolarment ma' l-Artikolu 222(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92;

Billi l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jesīġi l-kondizzjonijiet biex ikunu determinati l-oriġini ta' oġġett; minħabba l-fatt li diversi komponenti jistgħu jorġinaw faktar minn pajjiż wieħed u jistgħu jkunu mqiegħda flimkien ġewwa pajjiż apparti minn dawk fejn ikunu definittivament mqiegħda flimkien fċerti diskettes manjetċi li ma jkunux irrekordjati, u meqjus il-fatt li l-irmontar ta' oġġetti minn minn elementi li ma jkunux imqiegħha flimkien minn qabel ma jistax ikun ikkunsidrat bħala li joħloq oriġini, fdawk il-kondizzjonijiet u sabiex tkun assurata uniformita ta' interpretazzjoni w-applikazzjoni ta' l-Artikolu 24 imsemmi hawn fuq, huwa meħtieġ li jkun emendat l-Anness 11 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

Billi d-Deċiżjoni 4/92 tal-Kunitat ta' Koperazzjoni KEE-San Marino tat-22 ta' Diċembru 1992<sup>(1)</sup> u d-Deċiżjoni 1/96 tal-Kunitat Konġunt KE-Andorra ta' 1 ta' Lulju 1996<sup>(2)</sup> jippermettu li jsir użu mill-proċedura transita tal-Komunità bejn il-Komunità u Andorra u San Marino rispettivament; Billi, għalhekk, huwa meħtieġ li tkun issupplementata l-lista tal-kodiċi wżata f'kaxxi numri 51, 52 u 53 tad-Dokument Amministrattiv Singlu (SAD);

Billi huwa mixtieq fuq bażi ekonomiċi li tkun estiża l-lista fl-Anness 87;

Billi iżda l-miżuri kif ipprovduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kunitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 2454/93 huwa emendat kif ġej:

- Titolu II ta' Parti I huwa mibdul b'dan ir-test li ġej:

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, tad-19.2.1993, p. 34.

<sup>(2)</sup> ĠU L 184, ta' l-24.7.1996, p. 35.

## “TITOLU II

### INFORMAZZJONI LI TORBOT

#### IL-KAPITOLU 1

##### **Definizzjonijiet**

##### Artikolu 5

Għall-iskop ta' dan it-Titolu:

##### 1. *informazzjoni li torbot*:

tfisser informazzjoni tat-tariffi jew informazzjoni ta' oriġini li torbot fuq l-amministrazzjoni ta' l-istati Membri kollha tal-Komunità meta l-kondizzjonijiet esiġiti fl-Artikoli 6 u 7 jkunu mwettqa;

##### 2. *applikant*:

- materji ta' tariffi: ifisser persuna li tkun applikat lill-awtoritajiet doganali għal informazzjoni ta' tariffi li torbot,
- materji ta' oriġini: tfisser persuna li tkun applikat lill-awtoritajiet doganali għal informazzjoni ta' oriġini li torbot u li jkollha raġuni valida biex tagħmel hekk,

##### 3. *okkupant*:

ifisser il-persuna li fisimha l-informazzjoni li torbot tkun inhāġet.

#### IL-KAPITOLU 2

##### **Proċedura għall-akwist ta' informazzjoni li torbot — Notifika ta' informazzjoni lil-applikanti u t-trasmissjoni lill-Kummissjoni.**

##### Artikolu 6

1. Applikazzjonijiet għal informazzjoni li torbot għandhom ikunu mgħamula bil-kitba, jew lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-Istat Membri jew Stati Membri li fieh tkun sejra tintuża l-informazzjoni, jew lil awtoritajiet doganali kompetenti fl-Istat Membri li fieh l-applikant ikun stabbilit.

2. Applikazzjoni għal informazzjoni tat-tariffa li torbot għandha jkollha x'taqsam ma' tip wieħed biss ta' oġġetti. Applikazzjoni għal informazzjoni ta' oriġini li torbot għandha jkollha x'taqsam ma tip ta' oġġetti u sett wieħed ta' ċirkostanzi li jagħtu oriġini.

3. (A) Applikazzjonijiet għal informazzjoni ta' tariffi li torbot għandha tħalli dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

- l-isem u l-indirizz ta' l-okkupant;

- (b) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant meta dik il-persuna ma tkunx l-okkupant;
- (c) in-nomenklatura doganali li fiha l-oġġetta jkunu sej-rin jiġu kklassifikati. Meta l-applikant ikun jixtieq li jakkwista klassifikazzjoni ta' oġġetti f'waħda min-nomenklaturi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 20(3)(b) u (6) (b) tal-Kodiċi, l-applikazzjoni għal informazzjoni tat-tariffa li torbot għandha tagħmel referenza ċara għan-nomenklatura fdak il-każ;
- (d) deskrizzjoni dettaljata ta' l-oġġetti li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom u d-determinazzjoni tal-klassifika tagħhom fin-nomenklatura doganali;
- (e) il-komposizzjoni ta' l-oġġetti u xi metodi ta' eżeminazzjoni wżati għal din id-determinazzjoni, meta l-klassifika tkun tiddeppendi minnha;
- (f) xi kampjuni, ritratti, disinji, katalogi jew dokumenti oħra disponibbli li jistgħu jieq-hu lill-awtoritajiet digħali biex jiddeterminaw il-klasifikazzjoni korretta ta' l-oġġetti fin-nomenklatura doganali, għandhom ikunu mwahlha bħala annessi;
- (g) il-klassifikazzjoni mistennija;
- (h) ftehim li jissuplixxi traduzzjoni ta' xi dokument imwahħħal fil-lingwa uffiċjali (jew waħda mill-lingwi mingħajr) ta' l-Istat Membru ikkonċernat jekk l-awtoritajiet doganali jitkolu għal dan;
- (i) xi partikolaritajiet li għandhom ikunu meqjusa bħala kinfidenzjali;
- (j) indikazzjoni mill-applikant jekk sa fejn jaf hu, l-informazzjoni tat-tariffa li torbot għal oġġetti identiċi jew simili tkun digġà saret applikazzjoni dwarha jew li kienet digġa maħruġa mill-Komunità;
- (k) aċċettazzjoni li l-informazzjoni fornuta tista' tkun merfuha f'database tal-Kummissjoni; b'dana kollu, apparti mill-Artikolu 15 tal-Kodiċi, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-protezzjoni ta' l-informazzjoni in vigore fl-Istati Membri għandha tapplika.
- (B) Applikazzjonijiet għal informazzjoni ta' oriġini li torbot għandha tħalli dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:
- (a) l-isem u l-indirizz ta' l-okkupant;
- (b) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant meta dik il-persuna ma tkunx l-okkupant;
- (c) il-bażi legali applikabbli, għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 22 u 27 tal-Kodiċi;
- (d) deskrizzjoni dettaljata ta' l-oġġetti u t-tariffi tal-klassifikazzjoni tagħhom;
- (e) il-komposizzjoni ta' l-oġġetti u xi metodi ta' eżeminazzjoni użati għal din id-determinazzjoni u l-prezz ex-works tagħhom, kif meħtieġ;
- (f) il-kondizzjonijiet li jiffaċilitaw biex ikun iddeterminat l-oriġini, il-materjali wżati u l-oriġini tagħhom, il-klassifikazzjoni tat-tariffi, il-valuri korrespondenti u d-deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi (regoli twar tibdil ta' l-intestatura tat-tariffa, valur miżjud, deskrizzjoni ta' l-operazzjoni jew proċess, jew xi regola speċifika oħra) li tiffaċilita l-kondizzjonijiet f'dan il-każ biex ikunu milħuqha; partikolarment ir-regola eżatta ta' l-oriġini applikata u l-oriġini maħsuba għall-oġġetti għandha tkun imsemmija;
- (g) xi kampjuni, ritratti, pjanti, katalogi jew dokumenti oħra disponibbli dwar il-komposizzjoni ta' l-oġġetti u l-materjali komponenti tagħhom li jistgħu jieq-hu fid-deskrizzjoni tal-proċess tal-manifattura jew tal-proċess li jkunu għaddew minnu l-materjali;
- (h) ftehim li jissuplixxi traduzzjoni ta' xi dokument imwahħħal fil-lingwa mingħajr (jew waħda mill-lingwi mingħajr) ta' l-istat Membru ikkonċernat jekk l-awtoritajiet doganali jitkolu għal dan;
- (i) xi partikolaritajiet li għandhom ikunu tħalli tħalli bħala kinfidenzjali, seww jekk b'rejazzjoni mal-pubbliku jew ma' l-amministrazzjoni;
- (j) indikazzjoni mill-applikant jekk, sa fejn jaf hu, informazzjoni ta' tariffa li torbot jew informazzjoni ta' oriġini li torbot għal oġġetti jew materjali identiċi jew simili għal dawk li hemm referenza dwarhom f'punti (d) jew (f) jkunu digġà saret applikazzjoni dwarhom jew maħruġa fil-Komunità;
- (k) aċċettazzjoni li l-informazzjoni fornuta tista' tkun merfuha f'database tal-Kummissjoni li l-pubbliku jkollu aċċess għaliha; b'dana kollu, apparti minn l-Artikolu 15 tal-Kodiċi, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-protezzjoni ta' l-informazzjoni in vigore fl-Istati Membri għandha japplikaw.

4. Meta, mal-wasla ta' l-applikazzjoni, l-awtoritajiet doganali jikkunsidraw li l-applikazzjoni ma jkunx fiha il-partikularitajiet meħtieġa biex jaġħtu opinjoni infurmata, l-awtoritajiet doganali għandhom jitħolbu lill-appliakant biex ifornixxi l-informazzjoni li tkun nieqsa. Il-limiti taż-żmien ta' tlett xħur u 150 jum li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 7 għandhom jibdew jgħoddu mill-mument meta l-awtoritajiet doganali jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jilħqu deċiżjoni; l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw lill-appliakant li l-applikazzjoni tkun waslet u d-data minn meta l-imsemmija limiti ta' żmien jibdew jgħoddu.

5. Il-lista ta' l-awtoritajiet doganali nominati mill-Istati Membri li jirċievu applikazzjonijiet jew għal ħruġ ta' informazzjoni li torbot għandha tkun ippublikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali Mingħajr tal-Komunitajiet Ewropej.

#### Artikolu 7

1. Informazzjoni li torbot għandha tkun notifikata lill-appliakant malajr kemm jista' jkun.

(a) Materji ta' tariffi: jekk ma jkunx possibli li l-informazzjoni tat-tariffa li torbot tkun notifikata lill-appliakant fi żmien tlett xħur ta' l-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jgħamlu kuntatt ma' l-appliakant biex jiispiegaw ir-ragħuni għal dan id-dewmien u jindikaw meta jaħsbu li jkunu jistgħu jgħarrfu b'din l-informazzjoni.

(b) Materji ta' oriġini: informazzjoni għandha tkun notifikata flimitu ta' żmien mid-data ta' meta l-applikazzjoni kienet ġiet aċċettata.

2. Informazzjoni li torbot għandha tkun notifikata permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell mhuri f'L-Anness 1 (informazzjoni ta' tariffa li torbot) jew l-Anness 1° (informazzjoni ta' oriġini li torbot). In-notifika għandha tindika liema partikularitajiet ikunu ttrattati bħala kunkfidenzjali Id-dritt ta' l-appell li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 243 tal-Kodiċi għandu jkun imsemmi.

#### Artikolu 8

1. Kopja ta' l-informazzjoni tat-tariffa li torbot notifika (kopja Nru 2 ta' l-Anness 1) u l-fatti (kopja Nru 4 ta' l-istess l-Anness), jew kopja ta' l-informazzjoni ta' oriġini li torbot u l-fatti, għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mingħajr dewmien mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru konċernat. Trasmissioni bħal din għandha tkun effettwata b'mezzi eletroniċi.

2. Meta Stat Membru hekk jitlob, il-Kummissjoni għandha tibgħat mingħajr dewmien il-partikularitajiet li jkun hemm fil-kopja tal-formula u l-informazzjoni l-oħra li tkun rilevanti. Trasmissioni bħal din għandha tkun effettwata b'mezzi eletroniċi.

#### IL-KAPITOLU 3

##### **Dispożizzjonijiet applikabli fil-każ ta' inkonsistenzi fl-informazzjoni li torbot**

#### Artikolu 9

1. Meta informazzjoni li torbot differenti tkun teżisti:

- Il-Kummissjoni għandha, fuq l-inizzjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru, tqiegħed fuq l-aġenda tal-Kumitat għal dibattitu fil-laqa li tkun sejra tinżamm fix-xahar ta' wara jew, f'nuqqas ta dan, fil-laqa li tmis;
- bi qbil mal-proċedura tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha taddotta miżuri biex jassiguraw l-uniformità ta' l-applikazzjoni ta' nomenklatura jew regoli ta' oriġini, kif applikabbli, malajr kemm jista' jkun u fi żmien sitt xħur wara l-laqa li hemm referenza dwarha fl-ewwel indent.

2. Għall-iskop ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 1, informazzjoni ta' oriġini li torbot għandha tkun meejusa li tkun differenti meta tagħti oriġini differenti fuq oġġetti li:

- jidħlu taħt l-istess intestatura ta' tariffa u li l-oriġini tagħha kien determinat bi qbil ma' l-istess regoli ta' oriġini u,
- kienet għiet akwistata bl-użu ta' l-istess proċess ta' manifattura.

#### IL-KAPITOLU 4

##### **Effetti legali fuq informazzjoni li torbot**

#### Artikolu 10

1. Mingħajr preġudizju għall-Artikoli 5 u 64 tal-Kodiċi, informazzjoni li torbot tista' tkun invokata biss mill-okkupant.

2. (a) Materji ta' tariffi: l-awtoritajiet doganali jistgħu jitħolbu lill-okkupant, meta jkun qiegħed jaqdi l-formalitajiet doganali, li jinforma' l-awtoritajiet doganali li huwa għandu fil-pussess tiegħu informazzjoni tat-tariffa li torbot f'dak li jirrigwarda l-oġġetti li jkunu qeqhdin jgħaddu mid-dwana.

(b) Materji ta' oriġini: l-awtoritajiet responsabbi għal verifikasi ta' l-applikabilità ta' l-informazzjoni ta' oriġini li torbot jistgħu jenħtieġu lill-okkupant, meta jwettaq il-formalitajiet, li jinforma lill-imsemmija awtoritajiet li hu jkollu fil-pussess tiegħu informazzjoni ta' oriġini li torbot li tkopri l-oġġetti li dwarhom il-formalitajiet ikunu qeqhdin jiġu mwettqa.

3. L-okkupant ta' informazzjoni li torbot jista' jagħmel użu minnha partikolarmen f'dak li għandu x'jaqsam ma oġġetti biss meta tkun stabbilita:

- (a) materji ta' tariffi: għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali li l-oġġetti f'dak il-każ iku konformi fl-aspetti kollha ma' dawk deskritti fl-informazzjoni ppreżentata;
- (b) materji ta' oriġini: għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2 (b) li l-oġġetti f'dak il-każ u c-ċirkostanzi li jiddeterminaw l-oriġini tagħ-hom ikunu konformi fl-aspetti kollha ma dawk deskritti fl-informazzjoni ppreżentata.

4. L-awtoritajiet doganali (għal informazzjoni ta' tariffa li torbot) jew l-awtoritajiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2 (b) (għal informazzjoni ta' oriġini li torbot) jistgħu jitkol biex l-informazzjoni tkun tradotta fill-lingwa mingħajr jew fwahda mill-lingwi mingħajr ta' l-Istat Membru kkonċernat.

#### Artikolu 11

Informazzjoni tat-tariffa li torbot fornuta mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru sa mill-1 ta' Jannar 1991 għandha tkun torbot fuq l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha bl-istess kondizzjonijiet.

#### Artikolu 12

1. Ma l-addozzjonita' xi woeħed minn dawn l-atti jew miżuri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 12(5) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali għandhom jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jassiguraw li l-informazzjoni li torbot tkun, minn hemm il-quddiem, maħruġa biss b'konformità mal-atti jew miżuri f'dak il-każ.

2. (a) Għall-informazzjoni ta' tariffa li torbot, għall-iskopijiet tal-paragrafu 1 ta' hawn fuq, l-informazzjoni li għandha tittieħed in konsiderazzjoni għandha tkun din l-ġejja:

- għar-Regolamenti li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 12(5)(a) (i) tal-Kodiċi li tikkonċerna l-emendi għan-nomeniklatura tad-dwana, il-jum ta' l-applikabilità tagħhom,
- għar-Regolamenti li hemm dispożizzjoni dwarom fl-Artikolu 12(5)(a) (i) tal-Kodiċi li jistabilixxi jew ja-fettwa l-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomeniklatura doganali, il-jum tal-publikazzjoni tagħhom fi-serje 'C' tal-Ġurnal Uffiċjali Mingħajr tal-Komunitajiet Ewropej,
- għar-Regolamenti li hemm dispożizzjoni dwarom fl-Artikolu 12(5)(a) (ii) tal-Kodiċi li jikkonċernaw in-noti esplanatorji għan-nomeniklatura magħquda,

il-jum tal-publikazzjoni tagħhom fi-serje 'C' tal-Ġurnal Uffiċjali Mingħajr tal-Komunitajiet Ewropej,

— għal verdetti tal-Qorti tal-Ġustizja tal-Komunitajiet Ewropej li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(a) (ii) tal-Kodiċi, il-lum ta' dak il-verdett,

— għal miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(a) (ii) tal-Kodiċi li jikkonċernaw l-addozzjoni ta' opinjoni ta' klassifikazzjoni, jew emendi għan-noti esplanatorji għas-Sistema Armonizzata tan-Nomenklatura mill-Organizzazzjoni Doganali Mondjali, il-jum tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni fis-serje 'C' tal-Ġurnal Uffiċjali Minġħajr tal-Komunitajiet Ewropej.

(b) Għal informazzjoni ta' oriġini li torbot, għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, id-data li għandha tittieħed in konsiderazzjoni għandha tkun din l-ġejja:

— għar-Regolamenti li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(b) (i) tal-Kodiċi li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' l-oriġini ta' oġġetti u r-regoli li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(b) (ii), id-data ta' l-applikabilità tagħhom,

— għal-miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(b) (ii) tal-Kodiċi li jikkonċernaw l-emendi għan-noti esplanatorji u opinjoni jippe addottati fil-livell tal-Komunità, id-data tal-publikazzjoni tagħhom fi-serje 'C' tal-Ġurnal Uffiċjali Mingħajr tal-Komunitajiet Ewropej,

— għal verdetti tal-Qorti tal-Ġustizja tal-Komunitajiet Ewropej li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(b) (ii) tal-Kodiċi, id-data tal-verdett,

— għall-miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(b) (ii) tal-Kodiċi li jikkonċernaw opinjoni jippe addottati mill-Organizzazzjoni Mondjali tal-Kummerċ, id-data mogħtija mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni fis-serje 'C' tal-Ġurnal Uffiċjali Minġħajr tal-Komunitajiet Ewropej,

— għal miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 12(5)(b) (ii) tal-Kodiċi li jikkonċernaw l-Anness tal-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Mondjali tal-Kummerċ dwar regoli ta' oriġini u dawk addottati permezz tal-ftehim internazzjonali, id-data ta' l-applikabilità tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika il-jiem ta' l-addozzjoni tal-miżuri u l-atti li hemm referenza dwarhom f'dan l-Artikolu lill awroritajiet doganali malajr kemm jista' jkun.

## IL-KAPITOLU 5

### **Dispożizzjonijiet applikabli fil-każ ta' skadenza ta' l-informazzjoni li torbot**

#### Artikolu 13

Meta, bis-saħħha tat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 12(4) u l-Artikolu 12(5) tal-Kodiċi, informazzjoni li torbot ma tkunx torbot jew ma tibqax valida, l-awtorità doganali li tissupplixiha għandha tħarraf lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun.

#### Artikolu 14

1. Meta l-okkupant ta' informazzjoni li torbot li ma tkunx baqgħat aktar valida għal raġunijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 12(5) tal-Kodiċi, jkun jixtieq li jagħmel użu mill-possibilità li jinvoka dik l-informazzjoni matul perjodu ta' żmien bis-saħħha tal-paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu, hu għandu jgħarraf lill-awtoritajiet doganali, u jipprovd xi dokumenti meħtieġa bħala sostenn ħalli jgħin fl-eżami li jkollu jsir li l-kondizzjonijiet relevanti jkunu ġew imwettqa.

2. F'każi eċċeżzjonal fejn il-Kummissjoni, bi qbil mat-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 12(7) tal-Kodiċi, taddotta xi miżura ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragħarafu 6 ta' dak l-Artikolu, jew fejn il-kondizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jikkonċernaw il-possibilità tal-kontinwazzjoni li tkun invokata l-informazzjoni tat-tariffa li torbot li ma jkunux ġew imwettqa, l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw lill-okkupant bil-kitba.”

2. FParti 1, Titolu IV, Kapitoli 2 huwa mibdul b'dan it-test li ġej:

#### “KAPITOLU 2

### **Oriġini preferenziali**

#### Artikolu 66

Għall-iskopijiet ta' dan il-Kapitolo:

- (a) ‘manifattura’ tfisser xi tip ta’ xogħol jew ipproċessar inkluż l-armar jew operazzjonijiet spċifici;
- (b) ‘materjal’ ifisser xi ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċi, użati fil-manifattura tal-prodott;
- (c) ‘prodott’ ifisser il-prodott li jkun qiegħed jiġi manifatturat, anki jekk ikun intenzzjonat għal użu aktar tard fxi operazzjoni oħra tal-manifattura;
- (d) ‘oġġetti’ jfissru kemm materjali u kif ukoll prodotti;

(e) ‘valur doganali’ jfisser il-valur kif determinat bi qbil mal-Ftehim tal-1994 dwar l-implimentazzjoni ta’ l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (Ftehim WTO dwar valutazzjoni doganali);

(f) ‘prezz ex-works’ fil-lista fl-Annessi 15, 19 u 20 għandha tfisser il-preżż imħallas lill-manifattur li fl-impriżza tiegħu jkun twettaw l-aħħar xogħol jew proċessar, basta li l-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, imma mnaqqsin xi taxxi interni li huma, jew jistgħu ikunu, imħallsa l-ura meta l-prodott akwistat ikun esportat;

(g) ‘valur’ fil-listi fl-Annessi 15, 19 u 20 jfisser il-valur doganali fil-waqt ta’ importazzjoni ta’ materjali mhux-originant użati jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax ikun aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għall-materjali fil-Komunità jew fil-pajjiż benefikanti fil-qofol ta’ dak li jfisser l-Artikolu 67(1) jew ir-repubblika jew territorju benefikanti fil-qofol ta’ dak li jfisser l-Artikolu 98(1). Meta l-valur tal-materjali oriġinanti wżati jkun jenħtieġ li jkun stabbilit, dan is-sottoparagrafu għandu jaapplika mutatis mutandis;

(h) ‘kapitoli’ u ‘intestaturi’ jfissru il-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi ta’ erba’ figur) wżati fin-nomenklatura li tifforma is-Sistema Armonizzata;

(i) ‘klassifikata’ għandha tirreferi għal klassifikazzjoni ta’ prodott jew materjal taħt intestatura partikolari;

(j) ‘konsenja’ tfisser prodotti li jew ikunu mibgħuta simultan-jament minn esportatur wieħed lil dak li jirċievi jew koperti b'dokument tat-trasport singlu li jkopri it-trasport tagħhom mill-esportatura lejn min jirċievi jew, fin-nuqqas ta’ dokument bħal dan, fattura waħdanija.

#### Sezzjoni 1

### **Sistema Ġeneralizzata ta’ preferenzi**

#### Sub-sezzjoni 1

### **Definizzjoni tal-kunċett ta’ prodotti oriġinanti**

#### Artikolu 67

1. Għall-iskopijiet tad-dispożizzjoni li jikkonċernaw il-preferenzi ta’ tariffej ġeneralizzati mill-Komunità lil prodotti li jorġinaw minn pajjiżi li għadhom jiżv iluppar (minn hawn il-quddiem issir riferenza għalihom bħala ‘pajjiżi benefikanti’), dawn li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala li jorġinaw minn pajjiżi beneficijarju:

- (a) prodotti li jkunu akwistati kollha kemm huma f'dak il-pajjiż, fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 68;
- (b) prodotti akwistati minn dak il-pajjiż li fil-manifatura tagħ-hom, prodotti oħra apparti minn dawk li hemm referenza dwarhom f'(a) jkunu wżati, basta li l-imsemmija prodotti jkun sar fuqhom xogħol biżżejjed jew ipproċċessar fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 69.
2. Għall-iskopijiet ta' din is-sezzjoni, prodotti li jorġinaw fil-Komunità, fil-qofol ta' dak li jfisser il-paragrafu 3, li huma suġġetti f'pajjiż benefikanti għal xogħol jew ipproċċessar aktar minn dak li hemm deskrift fl-Artikolu 70, għandhom ikunu meqjusa bħala li jorġinaw f'dak il-pajjiż benefikanti.
3. Paragrafu 1 għandu jkun applikabbli mutatis muntandis sabiex tkun stabbilita l-oriġini tal-prodotti akwistati fil-Komunità.
4. F'dak li għandu x'jaqsam man-Norveġja u l-Isvizzera l-għoti ta' preferenzi ta' tariffe ġeneralizzati lejn prodotti li jorġinaw minn pajjiżi benefikanti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u japplikaw definizzjoni tal-kunċett ta' oriġini korrespondenti għal dak esigħi f'din is-Sezzjoni, prodotti li jorġinaw fil-Komunità, in-Norveġja jew l-Isvizzera li huma suġġetti f'pajjiż benefikanti għal xogħol jew proċess li jmur aktar ill ħin minn dak deskrift fl-Artikolu 70 għandhom ikunu meqjusa bħala li jorġinaw f'dak il-pajjiż benefikanti.
- Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu għandhom ikunu applikabbli biss għal prodotti li jorġinaw fil-Komunità, in-Norveġja jew l-Isvizzera (skond ir-regoli ta' oriġini li għandhom x'jaqsmu mal-preferenzi ta' tariffe f'dak il-każ) li jkunu esportati direttament lejn il-pajjiż benefikanti.
- Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Mingħajr tal-Komunitajiet Ewropej (Serje 'C') id-data li minnha d-dispożizzjonijiet esigħi fl-ewwel u t-tieni sottoparagrafi għandhom ikunu applikabbli.
5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 għandhom ikunu applikabbli bil-kondizzjoni li n-Norveġja u l-Isvizzera jagħtu, bħala reċiproċità, l-istess trattament lil prodotti tal-Komunità.

#### Artikolu 68

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala li kien akwistati kollha kemm huma fil-pajjiż benefikanti jew fil-Komunità:
- (a) prodotti minerali li jkunu estratti mil-ħamrija tiegħu jew minn qiegħ il-baħar tiegħu;

- (b) prodotti veġitali maħsuda hemm;
- (c) annimali ħajjin li twieldu u trabbew hemm;
- (d) prodotti akwistati minn annimali mkabbrin hemm;
- (e) prodotti akkwistati mill-kaċċa jew mis-sajd li jkun sar hemm;
- (f) prodotti ta' sajd fil-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar il-barra mill-ibħra territorjali bid-dgħajjes tiegħu;
- (g) prodotti magħmula abbord il-vapuri fabbriki tagħhom esklussivament minn prodotti li hemm referenza dwarhom f'(f);
- (h) oġġetti użati li jkunu ngħabru hemm u li jkunu tajbin biss għall-akkwist ta' materja prima;
- (i) ħela u skart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura li tkun twetqet hemm;
- (j) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar li jkunu instabu il-barra mill-ibħra territorjali tagħ-hom imma fejn huma jkollhon drittijiet esklussivi għal esplojtazzjoni;
- (k) oġġetti prodotti hemm esklussivament minn prodotti speċifikati fi minn (a) sa (j).

2. It-termini 'id-dgħajjes tagħhom' u 'il-vapuri fabbriki tagħ-hom' fil-paragrafu 1 (f) u (g) għandhom ikun applikabbli biss għal dgħajjes u vapuri fabbriki:
- li kienu rreġistrati jew miktuba f'pajjiż benefikanti jew fi Stat Membru,
  - li jbaħħru taħt il-bandiera ta' pajjiż benefikanti jew ta' Stat Membru,
  - li jkunu mill-anqas 50 % propjetà ta' persuni tan-nazzjonaliità ta' pajjiż benefikanti jew ta' Stat Membru jew ta' kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'dak il-pajjiż jew fwieħed minn dawk l-Istati Membri jew li d-diriġent jew id-diriġenti, Iċ-Chairman tal-board tad-direttu jew tal-board ta' superviżjoni, u l-mägħgoranza tal-membri ta' dak il-board, ikunu nazzjonali ta' dak il-pajjiż benefikanti jew ta' l-Istati Membri u li, b'żieda ma dan, fil-każ ta' kumpaniji, mill-anqas nofs il-kapital ikun jappart-jeni lill-pajjiż benefikanti jew lill-Istati Membri jew lill-korpi pubbliċi jew nazzjonali tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' l-Istati Membri,

— li tagħhom il-kaptan u l-fizzjali jkunu nazzjonali tal-pajjiż benefikanti jew ta' l-Istati Membri,

u

— li minnhom, mill-anqas 75 % ta' l-ekwipaġġ jkunu nazzjonali tal-pajjiż benefikanti jew ta' l-Istati Membri.

3. It-termini 'pajjiż benefikanti' u 'Komunità' għandhom ukoll ikopru l-ibħra territorjali ta' dak il-pajjiż jew ta' l-Istati Membri.

4. Dgħajjes li joperaw f'bażar miftuħ, inklużi vapuri fabbriki li fuqhom il-ħut maqbud ikun maħdum jew ipproċessat, għandhom jitqiesu li jkunu parti mitt-territorju tal-pajjiż benefikanti jew ta' l-Istat Membru li lili jappartjenu, basta li dawn jiissodisfaw il-kondizzjonijiet eżiġiti fil-paragrafu 2.

2. Għal prodott imsemmi fil-kolonni 1 u 2 ta' l-lista eżiġita fl-Anness 15, il-kondizzjonijiet mogħtija f'kolonna 3 għal prodott ikkonċernat għandhom ikunu imwettaq minflok ir-regola tal-paragrafu 1.

#### Artikolu 69

1. Għall-iskop ta' l-Artikolu 67, materjali mhux-oriġinanti għandhom ikunu meqjusa li jkunu maħduma biż-żejjed jew ipproċessati meta l-prodott akwistat ikun ikklassek f'fintestatura li tkun differenti minn dawk li fihom il-materjali kollha mhux-oriġinanti użati fil-manifattura jkunu klassifikati, suġġet għall-paragrafu 2.

(ii) ippakkjar sempliċi fil-fliekkien, bettiji, boroż, kaxxi, twaħħil fuq kartolini jew pjanċi, eċċ., l-operazzjonijiet l-oħra ta' ippakkjar sempliċi;

(d) twaħħil ta' marki, tikketti jew sinjal oħra li jiddistinqwixxu, fuq il-prodott jew l-ippakkjar tiegħu;

(e) sempliċi taħlit ta'prodotti, seww jekk ta' tipi differenti u anki jekk le, fejn wieħed jew aktar mill-komponenti tat-taħħlita ma jilħaqx il-kondizzjonijiet eżiġiti f'din is-sezzjoni biex dawn ikunu jistgħu jiġu kunsidrati bħala prodotti oriġinanti f'pajjiż benefikanti jew fil-Komunita;

(f) tħaqeqid sempliċi ta' partijiet ta' prodotti li jikkonstitwixxu prodott sħieħ;

(g) l-għaqda ta' tnejn jew aktar mill-operazzjonijiet spċificati f'(a) sa (f);

(h) il-qtil ta' annimali.

#### Artikolu 71

1. Bħala deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 69, materjali mhux oriġinanti jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' prodott partikulari, basta li l-valur total tagħħom ma jeċċedix 5 % tal-prezz ex-works fil-prodott finali u suġġett għal kondizzjonijiet eżiġiti f'Nota 3.4 fl-Anness 14.

2. Paragrafu 1 m'għandux ikun applikat għal prodotti li jidħlu fl-iskop tal-Kapitoli 50 sa 63 ta' s-Sistema Armonizzata.

#### Artikolu 70

L-operazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala li ma humiex suffiċċientament maħduma jew ipproċessati hekk li jagħtu l-istatus ta' prodotti oriġinanti, independentament minn jekk il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 69(1) ikunux issodisfati:

- (a) operazzjonijiet li jassiguraw il-preservedazzjoni tal-prodotti f'kondizzjoni tajba ma tul it-trasport u magażinaġġ (ventilazzjoni, tixrid għal-arja, tnixxif, tkessiħ, tqegħid fil-melħ, diossidu tal-kubrit u soluzzjoni oħra akwejji, tneħħija tal-partijiet miksura u operazzjonijiet simili);
- (b) operazzjonijiet sempliċi li jikkonsistu fit-tnejha tat-trab, msoffija jew mgħarblin, magħżula, ikklassek, imqabbla (inkluż l-iffurmar ta' settijiet ta' l-oġġetti). ħasil, żebgħa, tqattiegħ tad-daqqs;
- (c) (i) tibdin ta' pakketti u separazzjoni u tlaqqiegħ tal-pakketti,

#### Artikolu 72

1. Bħala deroga minn l-Artikolu 67, għall-iskopijiet li jkun iddeterminat jekk prodott, immanufatturat f'pajjiż benefikanti li jkun membru ta' grupp regionali, jorġinax minn hemm fl-iskop ta' dak li jfisser dak l-Artikolu, prodotti li jorġinaw minn kwalunkwe pajjiż ta' dak il-grupp regionali u wżat għal aktar manifattura f'pajjiż ieħor tal-grupp għandu jkun meqjus bħala li jorġina minn pajjiż fejn tkun tkompliet il-manifattura (kumulazzjoni regionali).

2. Il-pajjiż ta' l-oriġini tal-prodott finali għandu jkun iddeterminat skond l-Artikolu 72a.

3. Kumulazzjoni regionali għandha tkun applikabbli għal tlett gruppi regionali separati ta' pajjiżi beneficiari li jibbenefi-kaw mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi:

- (a) l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet Ażjatiċi tax-Xlokk (Asean) (Brunei Darussalam, Indonesia, Malasja, Filippini, Singapore, Tajlandja, Vjetnam);
- (b) is-Suq Komuni ta' l-Amerika Ċentali (CACM) (Costa Rica, Honduras, Gwatemala, Nikaragua, El Salvador);
- (c) il-Komunità Andeana (Bolivja, Kolombja, Ekwador, Peru, Venezwela).

4. L-espressjoni 'grupp reġjonalni' għandu jkun meqjus li jfisser l-Asean jew il-CACM jew il-Grupp Andeana skond kif ikun il-każ-

Formola A maħruġa, jew dikjarazzjoni ta' fattura magħmula f'dak il-pajjiż fuq il-bażi ta' ċertifikat ta' oriġini Formola A maħruġa bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4.

6. Il-pajjiż ta' l-oriġini għandu jkun immarkat f'kaxxa numru 12 taċ-certificatek ta' oriġini Formola A jew fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura, dak il-pajjiż ikun:

- fil-każ ta' prodotti esportati mingħajr aktar xogħol jew ipproċċesar bi qbil mal-paragrafu 4, il-pajjiż tal-manifattura,
- fil-każ ta' prodotti esportati wara aktar xogħol jew ipproċċesar, il-pajjiż ta' oriġini kif iddeterminat bi qbil mal-paragrafu 1.

#### Artikolu 72a

1. Meta ogħetti joriġinaw f'pajjiż li huwa membru ta' grupp reġjonalni jew huma maħduma jew proċessati f'pajjiż ieħor ta' l-istess grupp reġjonalni, dawm għandhom ikollhom l-oriġini tal-pajjiż jew grupp reġjonalni ta' fejn l-aħħar xogħol jew ipproċċesar ikun twettaq basta li:

(a) il-valur miżjud hemm, kif definit fil-paragrafu 3, ikun akbar mill-għola valur doganali tal-prodotti wżati li joriġinaw minn xi wieħed mill-pajjiżi l-oħra tal-grupp reġjonalni, u

(b) ix-xogħol jew ipproċċesar mwettaq hemm jeċċedi dak esigħi fl-Artikolu 70 u, fil-każ ta' prodotti tat-tessuti, wkoll dawk l-operazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Anness 16.

2. Meta l-kondizzjonijiet ta' oriġini f'1 (a) u (b) ma jkunux ġew sodisfatti, il-prodotti għandhom ikkolhom l-oriġini tal-pajjiż jew grupp reġjonalni li jakkonta għal għola valur doganali tal-prodotti oriġinanti li jiġu minn pajjiżi oħra tal-grupp reġjonalni.

3. 'Valur miżjud' ifisser il-prezz 'ex-works' li minnu jitnaqqas il-valur doganali ta' kull wieħed mill-prodotti inkorporati li jkunu joriġinaw minn pajjiż ieħor tal-grupp reġjonalni.

4. Prova ta' l-istatus oriġinanti ta' l-ogħetti esportati minn pajjiż ta' grupp reġjonalni lill-pajjiż ieħor ta' l-istess grupp biex jintuża għal aktar xogħol jew ipproċċesar, jew biex ikun esportat mill-ġdid meta l-ebda xogħol jew proċess ieħor ma jseħħ, għandu jkun stabbilit miċ-certificatek ta' oriġini Formola A maħruġa fl-ewwel pajjiż.

5. Prova ta' status oriġinanti, akwistata jew miżmuma in termini ta' l-Artikolu 72, dan l-Artikolu u l-Artikolu 72h, ta' ogħetti esportati minn pajjiż ta' grupp reġjonalni lejn il-Komunità, għandha tkun stabbilita b'ċertifikat ta' oriġini

#### Artikolu 72b

1. L-Artikoli 72 u 72a għandhom japplikaw biss meta:

(a) ir-regoli li jirregolaw il-kummerċ fil-kuntest ta' kumulazzjoni reġjonalni, bħal bejn pajjiżi tal-grupp reġjonalni, jkunu identiċi bħal dawk eziġiti f'din is-sezzjoni;

(b) kull pajjiż tal-grupp reġjonalni jkun intrabat li jsegwi jew jassigura konformità mat-termini ta' din is-sezzjoni u li jipprovdi l-kooperazzjoni amministrativa meħtieġa kemm għal Kummissjoni u wkoll għal pajjiżi oħra tal-grupp reġjonalni sabiex jassigura il-ħruġ korrett taċ-certificatek ta' oriġini, Formula A, u verifikazzjoni taċ-certificatek ta' oriġini, Formula A u d-dikjarazzjoni tal-fattura.

Din ir-rabta għandha tkun mibqħuta lill Kummissjoni permezz tas-Segretarjat tal-grupp reġjonalni.

Is-Segretarjati huma hekk:

— is-Segretarjat Ġenerali Asean,

— is-Segretarjat Permanenti tal-CACM,

— il-Junta del Acuerdo de Cartagena,

skond kif ikun il-każ-

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri meta l-kondizzjonijiet kif esigħi fil-paragrafu 1 jkunu ġew sodisfatti, fil-każ ta' kull grupp reġjonalni.

3. L-rtikolu 78 (1) (b) m'għandux ikun japplika għal prodotti li joriġinaw fxi uħud mill-pajjiżi tal-grupp reġjonalni meta jgħaddu mit-territorju ta' xi pajjiżi oħra tal-grupp reġjonalni, seww jekk ikun sar u anku jekk ma jkunx sar aktar xogħol jew ipproċċesar f'dak il-post.

### Artikolu 73

Aċċessorji, spare parts u għodda mibgħuta ma biċċa ta' tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura li jkunu parti tat-tagħmir normali w inklużi fil-prezz jew li ma jkunx hemm fattura separata għalihom huma meqjusa bħala parti mit-tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura f'dak il-każ-

### Artikolu 74

Settijiet, kif definiti fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom ikunu meqjusa bħala settijiet oriġinanti meta l-oġġetti komponenti jkunu prodotti oriġinanti. B'dana kollu, meta sett ikunu magħmul minn oġġetti oriġinanti u mhux-oriġinanti, is-sett bħala tali għandu jkun meqjus bħala oriġinanti, basta li l-valur ta' l-oġġetti mhux-oriġinanti ma jeċċedux il-15 % tal-prezz ex-works tas-set.

### Artikolu 75

Sabiex ikun determinat jekk prodott ikunx prodott oriġinanti, ma jkunx meħtieġ li jkun determinat l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jkunu wżati fil-manifattura:

- (a) enerġija u karburanti;
- (b) impjanti u tgħamir;
- (c) makni u għodda;
- (d) oġġetti li ma jidħlux, u li ma humiex intenzjonati li jidħlu, fil-komposizzjoni finali tal-prodott.

### Artikolu 76

1. Deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din is-Sejjoni tista' ssir favur ta' xi pajjiżi beneficianti l-anqas żvillupati li jibbenefikaw mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi meta l-iżvilupp ta' l-industriji eżistenti jew il-ħolqien ta' industriji ġodda jiġgusti-fika dawn. Il-pajjiżi beneficianti l-anqas żvillupati huma mniżżla fir-Regolamenti tal-Kunsilli KE u fid-Deċiżjoni ta' l-KEFA applikabbli għal-preferenzi ta' tariffej ġeneralizzati għas-sena kurrenti. Għal dawn il-għanijiet, il-pajjiż ikkonċernat għandu jissottometti lill-Kumunità talba għad-deroga flimkien mar-raġunijiet għat-talba bi qbil mal-paragrafu 3.

2. L-eżami ta' dawn it-talbiet għandu, partikolarmen jieħu konjizzjoni ta':

- (a) każi fejn l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti tar-regoli ta' oriġini ikunu sejrin jaffettwaw sinifikament il-kapaċità ta'

l-industrija eżistenti fil-pajjiż konċernat li jkompli bl-esportazzjoni lejn il-Komunità, b'referenza partikolari għal każi fejn dan jista' jwassal għal-għeluq ta' negozji;

(b) każi spċċifici fejn ikunu jista' jintwera bl-akbar kjarezza li nvestiment sinifikanti f'industrija jkun jista' jitgerrex bir-regoli ta' oriġini u fejn ikun hemm deroga li tiffavorixxi l-implementazzjoni tal-programm ta' investimenti jkun jista' jīgħi biex dawn ir-regoli jkunu sodisfatti fi stadji;

(c) l-impatt ekonomiku w soċċali tad-deċiżjoni li għandha tit-tieħed speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' mpiegi fil-pajjiżi beneficianti u fil-Komunità.

3. Sabiex tkun iffaċilitata l-eżaminazzjoni tat-talbiet għal deroga, il-pajjiż li jagħmel it-talba għandu jforni bħala sostenn tat-talba tiegħu l-informazzjoni massima possibli, partikolarmen il-punti mniżza hawn taħt:

- deskrizzjoni tal-prodott komplut,
- in-natura u l-kwantità ta' materjali li jorġinaw minn pajjiż terz,
- il-proċess tal-manifattura,
- il-valur miżjud,
- in-numru ta' impjegati fl-intraprija kkonċernata,
- il-volum anteċipat ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità,
- sorsi oħra possibli għal fornitura ta' materja prima,
- ir-raġunijiet għat-tul mitlub,
- osservazzjonijiet oħra.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta t-talba għad-deroga lill-Kumitat. Id-deċiżjoni għandha tittieħed skond il-proċedura tal-kumitat.

5. Meta jisr użu minn deroga il-frażi li ġejja għandha tidher fl-kaxxa numru 4 taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A, jew fuq id-dikarazzjoni tal-fattura esiġiti fl-Artikolu 90:

Deroga — Regolament (KE) No 0000/96'

6. Id-dispożizzjoni ta' l-Artikoli 1 sa 5 għandhom jaappli-kaw xi prolgħazzjoni.

## Artikolu 77

Il-kondizzjonijiet eżiġiti f'din is-sezzjoni dwar l-akwist ta' status oriġinanti għandhom ikunu mwettqa mingħajr intaruzzjoni fil-pajjiż benefikanti jew il-Komunità.

Jekk l-oġġetti oriġinanti li jkunu esportati minn pajjiż benefikanti jew mil-Komunità lejn pajjiż ieħor ikunu mibqghuta lura, dawn għandhom ikunu meqjusa bħala mhux-oriġinanti sakemm ikun jista' jintwera għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti li:

- l-oġġetti mibqghuta l-ura huma' l-istess oġġetti bħal dawk esportati, u
- ma jkun sar l-ebda xogħol jew operazzjoni fuqhom ħliet dawk meħtieġa għall-preservazzjoni tagħhom f'kondizzjoni tajba f'dak il-pajjiż.

## Artikolu 78

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu trasportati direttament mill-pajjiż benefikanti lejn il-Komunità jew mill-Komunità lejn il-pajjiż benefikanti:

- (a) oġġetti trasportati mingħajr ma jgħaddu minn territorju ta' xi pajjiż ieħor, ħliet fil-każ ta' territorju ta' pajjiż ieħor ta' l-istess grupp reġjonali meta l-Artikolu 72 jkun applikat;
- (b) oġġetti li jikkostitwixxu kunsinjal waħda singla trasportati minn territorju ta' pajjiżi parti minnhom lejn il-Komunità, bil, jekk ikun hemm l-okkażjoni, trasbord jew magażinaġġ temporanju f'dawk il-pajjiżi, basta li l-oġġetti jkunu baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali fil-pajjiż tat-transitu jew tal-magażinaġġ u ma jkunux għaddew minn operazzjonijiet parti minn ħatt, tagħbiha mill-ġdid jew xi operazzjoni maħsuba biex jippreservawhom f'kondizzjoni tajba;
- (c) oġġetti trasportati matul it-territorju tan-Norveġja jew l-Isvizzera u sussegwentament ri-esportati kollha jew parti minnhom lejn il-Komunità jew lejn pajjiż benefikanti, basta li l-oġġetti jkunu baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-transitu jew tal-magażinaġġ u ma jkunux għaddew minn operazzjonijiet parti minn ħatt, tagħbiha mill-ġdid jew xi operazzjoni maħsuba biex tippiservhom f'kondizzjoni tajba;

(d) prodotti li jkunu trasportati permezz ta' pipeline mingħajr intaruzzjoni matul territorju apparti minn dak tal-pajjiż benefikanti jew tal-Komunità.

2. Evidenza li l-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1 (b) u (c) jkunu twettqu għandha tkun ipprovdu bil-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali kompetenti:

- (a) ta' polza ta' kargu ta' passaġġ li tkopri l-passaġġ matul il-pajjiż tat-transitu; jew
- (b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-transitu:
  - li jagħti deskrizzjoni eżatta ta' l-oġġetti,
  - jistqarr id-dati tal-ħatt u t-tagħbiha mill-ġdid ta' l-oġġetti jew, possibilment, ta' l-imbarkazzjoni tagħhom jew disembarkazzjoni, jidentifika l-vapuri wżati jew il-meżżi l-oħra tat-trasport użati,
  - jiċċertifika l-kondizzonijiet li taħthom l-oġġetti jkunu baqgħu fil-pajjiż transitu,
- (c) jew, f'nuqqas ta' dan, xi dokumenti li jissostanzjaw il-fatti.

## Artikolu 79

1. Prodotti mibqghuta minn pajjiż benefikanti għal wiri f'pajjiż ieħor u mibjuha għal importazzjoni fil-Komunità għandhom igawdu, mal-importazzjoni, mit-tariffi preferenzjali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 67 bil-kondizzjoni li l-prodotti jilhqqu l-ħtiġiet ta' din is-sezzjoni li tintitħu biex ikunu magħruża bħala li jorġinaw mill-pajjiż benefikanti u basta li jkun mhuri għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali li:

- (a) l-esportatur ikun bagħħat il-prodotti mit-territorju tal-pajjiż benefikanti li jesporta direttament lill-pajjiż fejn tkun saret il-wirja;
- (b) il-prodotti ġew mibjuha jew li b'xi modieħor sar disponiment minnhom minn dan l-esportatur lil persuna fil-Komunità;
- (c) il-prodotti jkunu ġew mibqghuta lejn il-Komunità fl-istat li fihi ikunu ntabq għal-wiri;
- (d) il-prodotti ma jkunux, sa minn meta kienu ġew mingħuta għal wiri, ġew użati għall ebda skop ħliet tad-demonstrazzjoni fil-wirja.

2. Ċertifikat ta' oriġini Formula A għandu jkun prodott lill-awtoritajiet doganali tal-Komunità kif normalment isir. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandu jkun mhuri fuq iċ-ċertifikat. Meta jkun meħtieġ, evidenza dokumentarja addizzjonal tan-natura tal-prodotti u l-kondizzjonijiet li bihom kienu mhuri ja jistgħu jkunu meħtieġa.

3. Paragrafu 1 għandu japplika għall kull esebizzjoni, fiera, jew wirja pubblika simili jew demonstrazzjoni tas-snajja, industrijali, agrikola jew ta' l-artiġjanat li ma tkunx organiżżata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postiġiet tan-negozju bil-ġhan tal-bejgħ ta' prodotti barranin, u li matul l-eżibbizzjoni dawn il-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll ta' l-awtoritajiet doganali.

## Sub-sezzjoni 2

### Prova ta' oriġini

#### Artikolu 80

Prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefikanti għandhom jibbenifikasiaw minn din is-sezzjoni mas-sottomissjoni ta' jew:

- (a) ġertifikat ta' oriġini Formola A, li kampjun tagħha jidher fl-Anness 17; jew
- (b) f'każi spċifikati fl-Artikolu 90(1), dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 18, mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota tal-kunsin jaew fuq xi dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott ikkonċernat b'dettalji suffiċjenti biex dawn ikunu jistgħu jiġi identifikati (minn hawn il-quddiem huwa rriferuti bħala id-'dikjarazzjoni tal-fattura'

### (a) Ċertifikati ta' oriġini Formula A

#### Artikolu 81

1. Prodotti oriġinanti fil-qofol ta' dak li tfisser din is-sezzjoni għandhom ikunu eligibli, ma' l-importazzjoni fil-Komunità, li jibbenifikasiaw mil-preferenzi ta' tariffej li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 67, basta li dawn kienu ġew trasportati direttament fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 78, mal-produzzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini Formola A, maħruġa jew mill-awtoritajiet doganali, jew minn awtoritajiet governattivi oħra tal-pajjiż benefiċjarji, basta li dan il-pajjiż ta' l-aħħar:

- ikunu ikkomunika mal-Komunità l-informazzjoni meħtieġa bl-Artikolu 93,
- jgħin lill-Komunità billi jħalli l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jivverifikaw l-awtentiċità tad-dokument jew l-eżatezza ta' l-informazzjoni rigward l-oriġini vera tal-prodott f'dak il-każ-

2. Ċertifikat ta' oriġini Formola A jista' jinħareġ biss meta dan ikun jista' jservi ta' evidenza dokumentarja meħtieġa għall-iskop tal-preferenzi tat-tariffi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 67.

3. Ċertifikat ta' oriġini Formola A għandu jinħareġ biss fuq applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew mir-rapreżentant awtorizzat tiegħu.

4. L-esportatur jew ir-rapreżentant awtorizzat tiegħu għandu jissottometti ma' l-applikazzjoni tiegħu kull dokument xieraq bħala sabiex jipprova li l-prodotti li se jkunu esportati jikwal-lifkaw għall-ħruġ ta' ġertifikat ta' oriġini Formola A.

5. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-awtorità governattiva kompetenti tal-pajjiż benefikanti jekk il-prodotti għal l-esportazzjoni jistgħu jkunu meqjusa bħala prodotti oriġinanti f'dak il-pajjiż fl-iskop ta' dak li tfisser Sub-sezzjoni 1. Iċ-ċertifikat għandu jsir disponibbli lill-esportatur malli l-esportazzjoni seħħet jew tkun assigurata.

6. Għall-iskop tal-verifika ta' jekk il-kondizzjoni msemija fil-paragrafu 5 tkun intlaħqet, l-awtorità kompetenti governattiva għandha jkollha d-dritt li titlob għal xi evidenza dokumentarja sabiex twettaq xi verifika li hi tħoss li tkun xierqa.

7. Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-awtorità governattiva kompetenti tal-pajjiż benefikanti biex jassigura li ċ-ċertifikati u l-applikazzjoni ikunu mimlja kif suppost.

8. It-tkompliġja tal-kaxxa numru 2 taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A għandha tkun volontarja. Il-kaxxa numru 12 għandha timtela kif suppost bl-indikazzjoni ta' 'Komunità Eworpea' jew ta' wieħed mill-Istati Membri.

9. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A għandha tkun indikata f'kaxxa numru 11. Il-firma li għandha ssir f'dik il-kaxxa, li hija riservata għall-awtoritajiet governattivi kompetenti li joħorġu ċ-ċertifikat, għandha ssir bil-kitba.

#### Artikolu 82

1. Ċertifikat ta' oriġini Formola A għandu jkun sottomess fi żmien 10 xhur mid-data tal-ħruġ mill-awtoritajiet governattivi kompetenti tal-pajjiż benefikanti, lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jimporta fejn il-prodotti jkunu ppreżentati.

2. Ċertifikati ta' oriġini Formola A li jkunu sottomessi lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri ta' l-importazzjoni wara li jkun skada il-perjodu tal-validità tiegħu kif stipulat fil-paragrafu 1 jista' jkunu aċċettati għall-iskop li jkunu applikati il-preferenzi ta' tariffej li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 67 meta n-nuqqas ta' l-osservazzjoni ta' dan il-limitu ta' żmien ikun minħabba ċirkostanzi eċċeżżjoni.

3. F'każi oħra ta' dewmien ta' preżentazzjoni, l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li jimporta jistgħu jaċċettaw iċ-ċertifikati jekk il-prodotti kienu ġew ippreżentati lilhom fi żmien il-perjodu eżiġit fil-paragrafu 1.

4. Fuq talba ta' l-importatur u wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-kondizzjonijiet eżiġiti mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li jimporta, meta l-oġġetti:

- (a) jkunu mpurtati fil-qafas tal-kummerċ ta' spiss u kontinwu u li jkun ta' valur kummerċjali sinifikanti;
- (b) huma suġġetti għall-istess kuntratt ta' bejħi, il-partijiet ta' dan il-kuntratt stabbiliti fil-pajjiż li jesporta u fil-Komunita;
- (c) huma klassifikati fl-istess kodiċi (tmien digiti) tan-nomenklatura magħquda;
- (d) jiġu esklusivament mill-istess esportatur, huma ddestinati lejn l-istess importatur, u jkunu suġġetti għall-formalitajiet tad-dħul fl-istess ufficiċju doganali fil-Komunità,

prova singla ta' oriġini tista' tkun sottomessa lill-awtoritajiet doganali ma' l-importazzjoni ta' l-ewwel konsenza. Din il-proċedura għandha tkun applikabbi għall-kwantitat u perjodu determinat mill-awtoritajiet doganali kompetenti. Dan il-perjodu ma jistax, fi kwalunkwe ċirkostanzi, jeċċedi tlett xħur.

### Artikolu 83

Meta, fuq talba ta' l-importatur u bil-kondizzjonijiet eżiġiti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta, prodotti żarmati jew li mhux armati fil-qofol ta' dak li tfisser ir-Regola Ġenerali 2 (a) tas-Sistema Armonizzata li jaqaw taħt fis-Sezzjonijiet XVI u XVII jew intestaturi Nri 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata jkunu mpurtati f'kunsinji diversi, prova waħda ta' oriġini għal dawk il-prodotti għandha tkun sottomessa lill-awtoritajiet doganali ma' l-importazzjoni ta' l-ewwel konsenza.

### Artikolu 84

Ladarba ċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formula A jikkonstitwixxi evidenza dokumentarja għall-applikar tad-dispożizzjoni jekk li jikkonċernaw it-traffi preferenzjali, li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 67, għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet governativi kompetenti tal-pajjiż li jesporta li jieħu dawk il-passi meħtieġa ħalli jivverifika l-oriġini tal-prodotti u jiċċekja l-istqarrijiet ta' fuq iċ-ċertifikat.

### Artikolu 85

Prova ta' oriġini għandha tkun sottomessa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru ta' l-importazzjoni bi qbil

mal-proċeduri eżiġiti fl-Artikolu 62 tal-Kodiċi. L-imsemmija awtoritajiet jistgħu li jenħtieġ traduzzjoni tal-prova ta' oriġini u jistgħu wkoll jenħtieġ li d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni tkun akkumpanjata minn stqarrija ta' l-importatur għall-effett li l-prodotti jilħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikar ta' din is-sezzjoni.

### Artikolu 86

1. Bħala deroga minn l-Artikolu 81(5), ċertifikat ta' oriġini Formola A jista' eċċeżzjonalment ikun maħruġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jirreferi għalihom jekk:

- (a) ma kienx ġie maħruġ fil-waqt ta' esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissionijiet aċċidentalji jew ċirkustanzi speċiali; jew
- (b) ikun mhuri għas-sodidfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li ċertifikat ta' oriġini Formola A kienet ġier maħruġa imma ma kienet aċċettata ma' l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. L-awtoritajiet governativi kompetenti jistgħu joħorġu ċertifikat retrospettiv wara li jivverifikaw li l-partikolaritajiet li jkun hemm fl-applikazzjoni ta' l-esportatur jkunu konformi ma dawk li jkun hemm fid-dokumenti korrespondenti ta' l-esportazzjoni u li l-ebda ċertifikat ta' oriġini Formula A jis-sodisa id-dispożizzjoni jekk ta' din is-sezzjoni ma kienx inħa reg metu l-prodotti kienu ġew esportati.

3. Kaxxa numru 4 taċ-ċertifikati ta' oriġini Formula A maħruġa retrospettivamente għandha turi l-kitba 'Délivré a posteriori' jew 'issued retrospectively'. ('maħruġa retrospettivamente').

### Artikolu 87

1. Fil-każ ta' serq, telf jew distruzzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini Formola A, l-esportatur jista' japplika lejn l-awtorità governativa kompetenti li tkun ħarġitu għal kopja duplikata biex tkun magħmula fuq il-bażi tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni fil-pussess tagħhom. Kaxxa 4 ta' Formula A duplikata maħruġa bdan il-mod għandu jkun fiha il-kelma 'Duplicate' jew 'Duplicate' (Idduplikata), flimkien mad-data tal-ħruġ u n-numru serjal taċ-ċertifikat oriġinali.

2. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 82 il-kopja għandha jkollha effett sa mid-data ta' l-oriġinali.

### Artikolu 88

1. Meta prodotti oriġinanti jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' ufficiċċju doganali fil-Komunità, għandu tkun possibli li tkun mibdula il-prova ta' oriġini oriġinali b'wieħed jew aktar

ċertifikati ta' oriġini Formola A għall-iskop li jintbagħtu dawn il-prodotti kollha jew uħud minnhom x'imbien ieħor fil-Komunità jew fin-Norveġja jew fl-Isvizzera. Iċ-ċertifikat(i) mibdula ta' oriġini Formola A għandhom jinħarġu mill-uffiċċiġi doganali li taħt il-kontroll tiegħu jitqiegħdu l-prodotti.

2. Iċ-ċertifikat mibdul maħruġ bl-applikar tal-paragrafu 1 jew l-Artikolu 89 għandu jkun meqjus bħala ċertifikat ta' oriġini definitiv għal prodotti li jirreferi għalihom. Iċ-ċertifikat mibdul għandu jkun magħmul fuq il-bażi ta' talba bil-miktub minn ġhand dak li jerġa jesporta mill-ġdid.

3. Il-kaxxa ta' fuq tan-naħħa tal-lemin taċ-ċertifikat mibdul għandha tindika l-isem tal-pajjiż intermedjarju fejn ikun maħruġ.

Il-Kaxxa numru 4 għandu jkun fiha il-kliem 'replacement certificate' jew 'certificat de remplacement', (ċertifikat mibdul), kif ukoll id-data taċ-ċertifikat ta' oriġini oriġinali u n-numru serjali tiegħu.

L-isem ta' l-esportatur mill-ġdid għandu jidher f'kaxxa numru 1.

L-isem tar-riċevitur finali għandu jidher f'kaxxa numru 2.

Il-partikolaritajiet kollha tal-prodotti ri-esportati li jidhru fuq iċ-ċertifikat oriġinali għandhom ikunu trasferiti lejn kaxxi numri 3 sa 9.

Referenzi għall-fattura tal-ri-esportatur għandhom jingħataw f'kaxxa numru 10.

L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikat mibdul għandhom jikkonfermaw kaxxa 11. Ir-responsabbiltà ta' l-awtorità hija l-limitata għall-ħruġ taċ-ċertifikat mibdul. Il-partikularitajiet f'kaxxa numru 12 li jirrigwardjaw il-pajjiż ta' l-oriġini u l-pajjiż tad-destinazzjoni għandhom jittieħdu miċ-ċertifikat oriġinali. Din il-kaxxa għandha tkun iffirmsata minn dak li jerġa jesporta mill-ġdid. Ir-ri-esportatur li jiffirma din il-kaxxa b'intenzjoni tajba ma jkunx responsabbi għal-eż-żejt tal-partikolaritajiet li jkunu saru fuq iċ-ċertifikat oriġinali.

4. L-uffiċċju doganali li jkun mitlub li jwettaq l-operazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandu jinnota fuq iċ-ċertifikat oriġinali il-piżżejjiet, numri u n-natura ta' l-oġġetti mibgħuta u jindika hemmhekk in-numru serjali taċ-ċertifikat jew ċertifikati korrispondenti mibdula. Għandu jżomm iċ-ċertifikat oriġinali mill-anqas għal tlett snin.

5. Fotokopja taċ-ċertifikat oriġinali tista' tkun annessa maċ-ċertifikat mibdul.

6. Fil-każ ta' oġġetti li jibbenefikaw minn preferenzi ta' tariffi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 67, permezz ta' deroga

mogħtija bi qbil mad-disposizzjinijet ta' l-Artikolu 76, il-proċedura eżiġita f'dan l-Artikolu għandha tkun applikabbli biss meta oġġetti bħal dawn ikunu intenzjonati għall-Komunità.

### Artikolu 89

Prodotti oriġinanti fil-qofol ta' dak li tfisser din is-sezzjoni għandhom ikunu eligibli ma' l-importazzjoni fil-Komunità għal beneficiju minn tariffi preferenzjali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 67 mal-produzzjoni taċ-ċertifikat ta' oriġini mibdul formula A maħruġ mill-awtoritajiet doganali tan-Norveġja jew l-Isvizzera fuq il-bażi ta' ċertifikat ta' oriġini Formula A maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefikanti, basta li l-kondizzjonijiet eżiġiti fl-Artikolu 78 ikunu mwettqa u basta li n-Norveġja jew l-Isvizzera jgħinu lill-Komunità billi jħallu lill-awtoritajiet doganali li jivverifikaw l-awtentiticietà u l-eżatezza taċ-ċertifikati maħruġa. Il-proċedura ta' verifika eżiġita fl-Artikolu 94 għandha tkun applikabbli mutatis mutandis. Il-limitu taż-żmien eżiġit fl-Artikolu 94(3) għandu jkun estiż bi tminn xħur.

### (b) Dikjarazzjoni fil-fattura

#### Artikolu 90

1. Dikjarazzjoni fil-fattura tista' sseħħ:

(a) minn esportatur approvat tal-Komunità fil-qofol ta' dak li tfisser l-Artikolu 90°, jew

(b) minn xi esportatur għal xi konsenza li tikkonsisti minn wieħed jew aktar pakki li jkun fihom prodotti oriġinanti li l-valur totali tagħhom ma jeċċedix EKU 3 000, u basta li l-għajnejna li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 81(1) tkun applikabbli għal din il-proċedura.

2. Dikjarazzjoni ta' fattura tista' tkun stabbilita jekk il-prodotti konċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala oriġinanti fil-Komunità jew f'pajjiż benefikanti fil-qofol ta' dak li tfisser din is-sezzjoni.

3. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni ta' fattura għandu jkun lest li jissottometti f'kull waqt, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet doganali jew governativi tal-pajjiż li jesporta, id-dokumenti kollha xierqa li jissosstanzjaw l-istatus oriġinanti ta' l-oġġeti konċernati u basta li l-kondizzjonijiet l-oħra eżiġiti f'din is-sezzjoni jkunu mwettqa.

4. Dikjarazzjoni ta' fattura għandha ssir mill-esportatur jew fil-Franċiż jew bl-Ingliż bit-tipi, bit-timbru jew bl-istampar fuq il-fattura, in-nota tal-kunsinja jew xi dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness numru 18. Jekk id-dikjarazzjoni tkun bil-kitba, din għandha tinkiteb bil-linka u bl-ittri kapitali.

5. Dikjarazzjonijiet tal-fattura għandhom juru l-firma oriġinali ta' l-esportur li tkun magħmula bl-idejn. B'dana kollu, esportatur approvat fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 90° m'għandux ikun meħtieġ li jifirma dikjarazzjonijiet bħal dawk basta li hu jaġhti lill-awtoritajiet doganali jew governattivi wiegħda bil-miktub li hu jaċċetta r-reponsabbiltà sħieħa għal kull dikjarazzjoni ta' fattura li tidentifika lilu bħala kieku din kienet ġiet iffirmata bl-idejn minnu stess.

6. Fil-każi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 (b), l-użu ta' dikjarazzjoni ta' fattura għandu jkun suġġett għal kondizzjonijiet spċċiali li ġejjin:

- (a) dikjarazzjoni ta' fattura waħda għandha ssir għall-kull kunsija;
- (b) jekk l-oġġetti li jkunu fil-kunsinja jkunu digħi kien suġġetti għal verifika fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni b'referenza għad-definizzjoni ta' 'prodotti oriġinanti', l-esportatur jista' jirrefi għal din il-verifika fid-dikjarazzjoni tal-fattura.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu ma jeżentawx lill-esportaturi milli jkun konformi ma xi formalitajiet oħra meħtieġa mir-regolamenti doganali jew postali.

#### Artikolu 90a

1. L-awtoritajiet doganali tal-Komunità jistgħu jawtoriżżaw lil xi esportatur, minn hawn il-quddiem imsejjaħ 'esportatur approvat', li jagħmel kunsinji ta' spiss ta' oġġetti tal-Komunità, fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 67(2), u li joffri, għas-sodisfazzjon ta' l-lawtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġa biex ikun ivverifikat l-istatus oriġinanti tal-prodotti kif ukoll tat-twettieq ta' xi ħtiġiet oħra ta' din is-sezzjoni, li jhejj iż-żid id-dikjarazzjoni tal-fattura.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat b'kull kondizzjoni li huma jħossu li tkun xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jgħatu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoniżiet doganali li jridu ikun jidħru fuq id-dikjarazzjoniżiet tal-fatturi kollha.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jiġi jissorveljaw l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull waqt. Għandhom jagħmlu hekk meta l-esportatur approvat ma jkunx joffri aktar il-garanziji li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1, ma jwettaq il-kondizzjoniżiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2 jew jaġħmel użu mhux xieraq ta' l-awtorizzazzjoni b'kull manjiera possibl.

#### Artikolu 90b

1. Evidenza ta' status oriġinanti ta' prodotti tal-Komunità fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 67(2) għandha tkun mogħtija jew min:

- (a) il-produzzjoni ta' ċertifikat ta' ċaqlieq EUR 1, li mudell tiegħu huwa esigħi fl-Anness 21; jew minn
- (b) produzzjoni ta' dikjarazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 90.

2. L-esportatur jew ir-rapreżentant awtorizzat tiegħu għandu jikteb 'GSP beneficiary countries' u 'KE' or 'pays bénéficiaire du SPG' u 'CE' (pajjiżi benefikanti GSP' u 'KE') f'kaxxa 2 taċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR 1.

3. Id-dispozizzjoniżiet ta' din is-sezzjoni jikkonċernaw il-ħruġ, l-użu u l-verifikasi sussegwenti ta' ċertifikat ta' oriġini Formula A għandhom ikunu applikabbi mit-tatris mutandis għal ċertifikati ta' ċaqlieq EUR 1 u, bl-eċċeżżjoni tad-dispozizzjoniżiet li jikkonċernaw il-ħruġ tagħhom, id-dikjarazzjoni tal-fattura.

#### Artikolu 90c

1. Prodotti mibgħuta bħala pakki żgħar minn persuni privati lill-persuni privati jew li jifformaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu aċċettati bħala prodotti oriġinanti li jibbenefikaw mit-tariffi preferenzjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 67 mingħajr il-ħtieġa li jkun ipproduċut iċ-ċertifikat ta' oriġini Formula A jew ta' dikjarazzjoni ta' fattura, basta li dawk l-oġġetti mpurtati jkunu ta' natura mhux kummerċjali u jkunu ġew iddiċċjari bħala li jilħqu l-kondizzjoniżiet meħtieġa għall-applikar ta' din is-sezzjoni meta ma jkunx hemm dubju tal-veraċità ta' dik id-dikjarazzjoni.

2. Importazzjoni li tkun ta' kull tant u tikkonsisti esklusivament minn prodotti għal użu personali ta' min jirċievi jew ta' vjaġġaturi jew il-familji tagħhom għandha tkun meqjusa bħala li tkun ta' natura mhux kummerċjali jekk ikun jidher ċar min-natura u l-kwantità tal-prodotti li dawn ma jkunux qegħdin jiġi mpurtati għal raġunijiet kummerċjali.

Aktar minn hekk, il-valur totali tal-prodotti m'għandux jeċċed EKU 215 fil-laż ta' pakki żgħar jew EKU 600 fil-każ ta' kontenut fil-bagalji personali tal-vjaġġatur.

#### Artikolu 91

1. Meta l-Artikolu 67(2)(3) jew (4) jkun applikabbi, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefikanti msejħha biex joħorġu ċertifikat ta' oriġini Formula A għal prodotti li

fil-manifattura tagħhom materjali oriġinanti fil-Komunità, in-Norveġja jew l-Isvizzera jkun użati għandhom joqgħodu fuq iċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR 1 jew, fejn meħtieġ, fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura.

2. Il-kaxxa numru 4 taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A maħruġ fil-każi eżiġti fil-paragrafu 1 għandha jkun fiha l-konferma 'Cumul CE', 'cumul Norvège' 'cumul Suisse', jew 'KE cumulation', 'Norway cumulation', 'Switzerland cumulation'. ('Kumulazzjoni KE', 'Kumulazzjoni tan-Norveġja' jew Kumulazzjoni ta' l-Isvizzera').

#### *Artikolu 92*

Is-sejbien ta' diskrepanzi żgħar bejn l-istqarrjjiet magħmula fiċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A, fiċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew fid-dikjarazzjoni tal-fattura, u dawk magħmula fid-dokumenti mogħtija lill-uffiċċju doganali għall-iskopijiet tat-twettieq tal-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti għandhom ipso facto jirrendu c-ċertifikat jew id-dikjarazzjoni nulla u bla bażi, basta li jkun ġie stabbilit li d-dokument ikun jikkorespondi mal-prodotti kkonċernati.

Żbalji ċari bħal ma huma żbalji fit-tipi fuq iċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A, taċ-ċertifikat taċ-ċaqlieq EUR.1 jew fid-dikjarazzjoni tal-fattura m'għandhomx jikkawżaw li d-dokument ikun miċħud jekk dawn l-iż-żbalji ma jkunux tali li joħolqu dubbju dwar il-korrettezza ta' l-istqarrjjiet magħmula fuq id-dokument.

#### *Sub-sezzjoni 3*

#### **Metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

#### *Artikolu 93*

1. Il-pajjiżi benefikanti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet governativi li jinstabu fit-territorju tagħhom li jkunu awtorizzati li joħorġu ċertifikati ta' l-oriġini Formola A, flimkien ma' kampjuni ta' timbri wżati minn dawk l-awtoritajiet, u l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet relevanti governativi responsabili għal kontroll taċ-ċertifikati ta' l-oriġini Formola A u tad-dikjarazzjoni tal-fattura. It-timbri għandhom ikunu validi sa mid-data tal-wasla għand il-Kummissjoni tal-kampjuni. Il-Kummissjoni għandha twassal din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri. Meta dawn il-komunikazzjonijiet ikunu magħmula fil-qafas ta' emenda tal-komunikazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni għandha tindika id-data tad-dħul fl-użu tat-timbri l-ġoddha bi qbil ma l-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefikanti. Din l-informazzjoni hija għal użu uffiċċċali, iżda meta ogħġetti jkunu ġew ppreżentati għal ċirkolazzjoni ħielsa, l-awtoritajiet doganali f'dak il-każi jistgħu jippermettu

lill-importatur jew lir-rappreżtant awtorizzat tiegħu biex jikkonsulta il-kampjun ta' l-impressjoni tat-timbru msemmija f'dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali Mingħajr tal-Komunitajiet Ewropej (serje 'C') id-data li fiha il-pajjiżi benefikanti ġoddha li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 97 jilħqu l-obligazzjoni jiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-pajjiżi benefikanti kampjun tat-timbru wżati mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membru biex joħorġu c-ċertifikati ta' ċaqlieq EUR 1.

#### *Artikolu 93a*

Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-tariffi preferenzjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 67, kull pajjiżi benefikanti għandu jkun konformi u jassigura l-konformità mar-regoli l-oriġini ta' l-oġġetti, illi jimtlew u jinħarġu Formuli A ta' l-oriġini, il-kondizzjonijiet għall-użu tad-dikjarazzjoni tal-fattura u dawk li jikkonċernaw il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

#### *Artikolu 94*

1. Verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' l-oriġini Formola A u dikjarazzjoni tal-fattura għandhom jitwetqu mingħajr regola partikolari jew kull meta l-awtoritajiet doganali fil-Komunità jkollhom dubju raġjonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar l-eżatezza ta' l-informazzjoni li tirrigwarda l-oriġini vera tal-prodotti f'dak il-każ.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-Komunità għandhom jibgħatu lura kopja taċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A jew id-dikjarazzjoni tal-fattura lil-awtoritāt governativa kompetenti fil-pajjiżi benefikanti li jesporta, u jagħtu, fejn xieraq, ir-raġuni tal-għamla jew is-sustanza għal dik l-linkesta. Jekk il-fattura tkun għet sottomessa, dik il-fattura jew kopja tagħha għandha tkunu mhemuża mal-kopja taċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A jew mad-dikjarazzjoni tal-fattura kif ukoll mad-dokumenti l-oħra kollha relevanti. L-awtoritajiet doganali għandhom ukoll jibgħatu kull informazzjoni li setgħet kienet għet akwistata u jissuġerixxu li il-partikularijiet mogħtija fuq l-imsemmi ġertifikat jew dikjarazzjoni tal-fattura mħumiex preċiżi.

Jekk l-imsemmija awtoritajiet jiddeċiedu li jissospendu t-tariffa preferenzjali li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 67 sakemm ikun hemm ir-riżultat tal-verifika, huma għandhom joffru li jirlaxxaw il-prodotti lill-importatur suġġett għal xi miżuri ta' prekawzjoni meqjusa meħtieġa.

3. Meta applikazzjoni għal verifika sussegwenti tkun saret bi qbil mal-paragrafu 1, din il-verifika għandha titwettaq u r-riżultati tagħha jkunu mgħarrfa lill-awtoritajiet doganali tal-Komunità fi żmien massimu ta' sitt xhur. Ir-riżultati għandhom ikunu tali li jistabilixxu jekk iċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A jew id-dikjarazzjoni tal-Fattura fdak il-każ iż-ikunu jaġiapplikaw għal prodotti attwalment esportati u jekk dawn il-prodotti kien-nux fil-fatt eleġibli għal beneficiju mit-tariffi preferenzjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 67.

4. Fil-każ ta' ċertifikati ta' oriġini Formola A maħruġa bi qbil ma' l-Artikolu 91, it-tweġiba għandha tinkludi kopja (kopji) taċ-ċertifikat(i) taċ-ċaqlieg EUR 1, jew fejn meħtieġ, id-dikjarazzjoni(jet) tal-fattura korrespondenti.

5. Jekk fil-każ ta' dubju raġjonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien is-sitt xhur speċifikati fil-paragrafu 3 jew jekk it-tweġiba ma jkunx siha nformazzjoni biż-żejjed ħalli tkun iddeterminata l-awtenticietà tad-dokumenti fdak il-każ jew l-oriġini vera tal-prodotti, it-tieni komunikazzjoni għandha tintbġħat lill-awtoritajiet kompetenti. Jekk wara t-tieni komunikazzjoni, ir-riżultat tal-verifika ma jkun ikkomunitat lill-awtoritajiet li jkunu għamlu t-talba fi żmien erba' xhur, jew jekk dawn ir-riżultati ma jippermettux l-awtenticietà tad-dokumenti fdak il-każ jew l-oriġini vera tal-prodotti li għandhom ikunu ddeterminati, dawk l-awtoritajiet għandhom, ħlief fil-każ ta' ċirkostanzi eċċeżżjonal, jirrifutaw id-dritt għal miżuri ta' tariffi preferenzjali.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu jaġiapplik bejn il-pajjiżi ta' l-istess grupp reġjonali għall-iskopijiet ta' kontrol sussegwenti tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' l-oriġini Formola A jew tad-dikjarazzjoni tal-fattura, imħejjija bi qbil ma din is-sezzjoni.

6. Meta l-proċedura ta' verifika jew xi nformazzjoni oħra disponibbli jidhru li jindikaw li d-dispożizzjonijiet ta' din is-sezzjoni jkunu qegħdin jinkisru, il-pajjiż benefikanti li jesporta għandu, fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba mill-Komunità, iwettaq l-inkjesti xierqa jew jirranġa għal dawn l-inkjesti li jittwettqu b'urġenza xierqa biex ikunu identifikati u ma jithallewxi li jsiru dawn il-kontravenzjonijiet. Għal dan l-iskop il-Komunità tista' tipparteċipa f'dawn l-inkjesti.

7. Għall-iskopijiet ta' verifikasi sussegwenti taċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A, kopji taċ-ċertifikati kif ukoll id-dokumenti ta' l-esportazzjoni li jirreferu għalihom għandhom jinżammu mill-anqas għal tlett snin mill-awtoritajiet governattivi kompetenti tal-pajjiż benefikanti li jesporta.

## Artikolu 95

L-Artikolu 78(1)(c) u l-Artikolu 89 għandhom ikunu applikabbli biss sakemm in-Norveġja u l-Isvizzera, fil-kuntest

ta' tariffi preferenzjali mogħtija minnhom lejn ċerti prodotti li jorġiġ minn pajjiżi li għadhom jiżviluppaw, jaġiapplikaw dispożizzjonijiet simili bħal dawk fil-Komunità.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri bl-addozzjoni min-Norveġja u l-Isvizzera ta' dawk id-dispożizzjonijiet u għandha tinnotifikom bid-data minn meta d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 78(1)(c) u l-Artikolu 89, u d-dispożizzjonijiet simili addottati min-Norveġja u l-Isvizzera, jkunu jaġiapplikati.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu applikabbli bil-kondizzjoni li l-Komunità, in-Norveġja u l-Isvizzera kienu ffinalizzaw ftehim li jistqarr, fost affarrijiet oħra, li huma għandhom jipprovd lill-xulxin b'għajnejna reċiproka meħtieġa f'materji ta' kooperazzjoni amministrattiva.

## Sub-sezzjoni 4

### Ceuta u Melilla

#### Artikolu 96

1. It-termini 'Komunità' użata f'din is-sezzjoni ma għandiekk tkopri lil Ceuta u Melilla. It-termini 'prodotti li jorġiġ minn fil-Komunità' ma għandhomx ikopru l-prodotti li jorġiġ minn fil-Ceuta u Melilla.

2. Din is-Sezzjoni għandha tkun applikabbli mutatis mutandis fid-did detteminar ta' jekk il-prodotti jkunux jistgħu jiġi meqjusa bħala li jorġiġ minn fil-pajjiż benefikarju li jesporta mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi meta mpurtati f'Ceuta u Melilla jew bħala li jorġiġ minn fil-Ceuta u Melilla.

3. Ceuta u Melilla għandhom ikunu meqjusa bħala territorju wieħed.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din is-sezzjoni jikkonċernaw il-ħruġ, l-użu u l-verifika sussegwenti ta' ċertifikat ta' l-oriġini Formola A għandhom ikunu applikabbli mutatis mutandis għal prodotti li jorġiġ minn fil-Ceuta u Melilla.

5. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikar ta' din is-sezzjoni ġewwa Ceuta u Melilla.

## Sub-sezzjoni 5

### Dispożizzjonijiet Finali

#### Artikolu 97

Meta pajjiż jew territorju jkun imdaħħal jew imdaħħal mill-ġdid bħala pajjiż benefikanti f'dak li għandu x'jaqsam ma prodotti li hemm referenza għalihom fir-Regolamenti relevanti

KE tal-Kunsill jew fid-Deċiżjonijiet KEFA, l-oġġetti li jorġinaw fdak il-pajjiż jew tarritorju jistgħu jibbenefikaw mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi bil-kondizzjoni li dawn kienu ġew esportati minn pajjiż benefikanti jew territoru fil-jum jew wara d-data li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 93(2).

deskritt fl-Artikolu 101 għandhom ikunu meqjusa bħala li jorġinaw fdik ir-Repubblika beneficiarja jew Territorju benefikanti.

3. Paragrafu 1 għandu jkun applikabbli *mutatis mutandis* biex ikun stabbilit l-oriġini tal-prodotti akwistati fil-Komunità.

## Sezzjoni 2

### **Ir-Repubbliki ta' Bosnja-Heržegovina u Kroazja; ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja; dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, u t-territorji tax-Xatt tal-Punent u l-Istripp ta' Gaża**

## Sub-sezzjoni 1

### **Definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti**

#### *Artikolu 98*

1. Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tariffi preferenzjali mogħtija mill-Komunità lejn ċerti prodotti li jorġinaw fir-Repubblika ta' Bosnja-Heržegovina u Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, u t-territorji tax-Xatt tal-Punent u l-Istripp ta' Gaża, (minn hawn il-quddiem issir riferenza għalihom bħala 'ir-Repubblika jew Terrirohi benefikanti), dawn il-prodotti u li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala prodotti li jorġinaw minn Repubblika beneficiarja jew Territorju benefikanti:

- (a) prodotti li jkunu akwistati kolla kemm huma fdik ir-Repubblika jew Territorju benefikanti, fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 99;
- (b) prodotti akwistati minn dik ir-Repubblika beneficiarja jew Territorju benefikanti, li fil-manifattura ta' dawn il-prodotti oħra apparti minn dawk li hemm referenza għalihom f'(a) jkunu wżati, basta li l-imsemmija prodotti jkun sar fuqhom xogħol biż-żejjed jew ipproċċassar fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 100.

2. Għall-iskopijiet ta' din is-sezzjoni, prodotti li jorġinaw fil-Komunità fil-qofol ta' dak li jfisser paragrafu 3 u li huma suġġetti, f'Repubblika beneficiarja jew Territorju benefikanti għal xogħol jew proċess li jmur aktar lill-hinn minn dak

#### *Artikolu 99*

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu ġew akwistati, kollha kemm huma fir-Repubblika jew Territorju benefikanti jew fil-Komunità:

- (a) prodotti minerali li jkunu estratti mill-ħamrija tiegħu jew mill-qiegħ il-baħar tiegħu;
- (b) prodotti veġitali maħsuda hemm;
- (c) annimali ħajjin li twieldu u trabbew hemm;
- (d) prodotti akwistati minn annimali mkabba hemm;
- (e) prodotti akwistati mill-kaċċa jew mis-sajd li jkun sar hemm;
- (f) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar il-barra mill-ibħra territorjali mid-dgħajjes taġħhom;
- (g) prodotti magħmul abbord vapuri fabbriki esklussivament minn prodotti li hemm referenza għalihom f'(f);
- (h) oġġetti wżati li jkunu nġabru hemm, li jkunu tajbin biss għall-irkupru ta' materia prima;
- (i) ħela u skart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura li tkun twettqet hemm;

- (j) prodotti estratti mill-qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar li jkun jinstab il-barra mill-ibħra territorjali taġħ-hom imma fejn ikollhom id-dritt esklussiv għall-explojtazzjoni;
- (k) prodotti manifatturati hemm esklussivament minn prodotti spċifikati fi minn (a) sa (j).

2. It-termini 'id-dgħajjes taġħhom' u 'l-vapuri fabbriki taġħ-hom' fil-paragrafi 1 (f) u (g) għandhom ikunu applikabbli biss għal dgħajjes u vapuri fabbriki:

— li huma rreġistra jew miktuba fi Stat Membru jew fir-Repubblika jew Territorju benefikanti jew fi Stat Membru,

- li jkunu jbaħħru taħt il-bandiera tar-Repubblika beneficijarja jew Territorju benefikanti jew ta' Stat Membru,
  
- li jkunu mill-anqas 50 % propjetà ta' persuni ta' nazzjonallità ta' dik ir-Repubblika beneficijarja jew Territorju benefikanti jew ta' Stat Membri jew ta' kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'dawk ir-Repubblika, Terrotorji jew Stati, jew li d-diriġent, jew diriġenti, *chairman* tal-board tad-diretturi jew tal-board ta' superviżjoni, u l-maġġoranza tal-membri ta' dak il-bord, ikunu persuni ta' nazzjonallità ta' dik ir-Repubblika beneficijarja jew Territorju benefikanti jew ta' l-Istati Membri u li b'żieda, fil-każ ta' kumpaniji, mill-anqas nofs il-kapital ikun jappartjeni lir-Repubblika jew Territorju beneficijarja jew lill-Istati Membri jew lill-korpi publiċi jew persuni ta' nazzjonallità ta' dik ir-Repubblika jew Territorju benefikanti jew fl-Istati Membri,
  
- li l-kaptan u l-fizzjali tiegħu ikunu persuni ta' nazzjonallità tar-Repubblika jew Territorju benefikanti jew ta' l-Istati Membri,
  
- li minnhom, mill-anqas 75 % ta' l-ekwipaġġ jkunu persuni ta' nazzjonallità tar-Repubblika beneficijarja jew Territorju beneficijaru jew ta' l-Istati Membri.

3. It-termini 'Repubblika beneficijarja jew Territorju benefikanti' u 'Komunità' għandhom ukoll ikopru l-ibħra territorjali ta' dik ir-repubblika jew territorju jew ta' l-Istati Membri.

4. Dgħajjes li joperaw fil-Baħar Miftuħ, inklużi vapuri fabbriki li fuqhom il-ħut maqbud ikun maħdum jew ipproċessat, għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu parti mit-territorju tar-Repubblika jew Territorju benefikanti jew l-Istat Membri li lili jappartjenu, basta li dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabiliti fil-paragrafu 2.

## Artikolu 100

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 98, materjali li mhumiex ta' l-oriġini għandhom ikunu mejusa li jkunu maħduma biżżejjed jew ipproċessati meta l-prodott akwistat ikun ikklassifikat fintestatura differenti minn dawk li fihom il-materjali kollha li mhumiex ta' l-oriġini użati fil-manifattura jkunu klasifikati, sugħejt għall-paragrafu 2.

2. Għal prodotti msemmija f'kolonni 1 u 2 tal-lista:

- li jinstabu fl-Anness 19, għat-territorji tax-Xatt tal-Punent u ta' l-Istrippa ta' Gaża,

jew

- lio jinstabu fl-Anness 20, għar-Repubbliki ta' Bosnja-Herzegovina u Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja,

il-kondizzjonijiet stabbiliti f'kolonna 3 għal prodott ikkonċer-nat għandhom jitwettqu minnflok ir-regola fil-paragrafu 1.

## Artikolu 101

Dawn l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala li ma humiex biżżejjed ta' xogħol jew ipproċessar biex jaġħtu l-istatus ta' prodotti ta' l-oriġini, independentament minn jekk il-ħtiġiet, u anki jekk le, ta' l-Artikolu 100(1) iku-nuxx ġew sodisfatti:

- (a) operazzjonijiet li jassiguraw il-preservazzjoni tal-prodotti f'kondizzjoni tajba matul it-trasport u magażinagi (ventilazzjoni, tixrid għal-arja, tnixxif, tkessi, tqegħid fil-melħ, diossidu tal-kubrit u soluzjoni oħra akwejji, tneħħija tal-partijiet miksura u operazzjonijiet simili);
- (b) operazzjonijiet sempliċi li jikkonsistu fit-tnejħha tat-trab, msoffija jew mgħarblin, magħżula, ikklassifikati, imqabbla (inkluż l-iffurmar ta' settijiet ta' l-oġġetti). Ħasil, żebgħa, tqattieġ tad-daqs;
- (c) (i) tibdil ta' pakketti u separazzjoni u tlaqqiegħ ta' pakketti,  
(ii) ippakkjar sempliċi fil-fliekkien, bettiji, boroż, kaxxi, twaħħil fuq kartolini jew pjanċi, eċċ., l-operazzjonijiet l-oħra ta' ippakkjar sempliċi;
- (d) twaħħil ta' marki, tikketti jew sinjalji oħra li jiddingwixxu, fuq il-prodott jew l-ippakkjar tiegħu;
- (e) sempliċi taħlit ta' prodotti, seww jekk ta' tipi differenti u anki jekk le, fejn wieħed jew aktar mill-komponenti tat-tħalliha ma jilħaqx il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-sezzjoni biex dawn ikunu jistgħu jiġi kkunsidrati bħala prodotti oriġinanti tar-Repubblika jew Territorju benefikanti jew tal-Komunità;
- (f) tgħaqqid sempliċi ta' partijiet ta' prodotti li jikkonstitwixxu prodott sħieħ;
- (g) l-għaqda ta' tnejn jew aktar mill-operazzjonijiet spċificati f'(a) sa (f);
- (h) il-qtil ta' annimali.

### *Artikolu 102*

1. Bħala deroga minn l-Artikolu 100, materjali mhux ta' l-oriġini jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' prodott partikulari, basta li l-valur totali tagħhom ma jeċċedix 5 % tal-prezz ex-xogħolijiet tal-prodott finali u suġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'Nota 3.4 fl-Anness 14.

2. Paragrafu 1 m'għandux ikun applikabbli għal prodotti li jidħlu fl-iskop ta' Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

### *Artikolu 103*

Aċċessorji, spare parts u għodda mibgħuta ma' biċċa ta' tħġamir, makkinarju, apparat jew vettura li jkunu parti tat-tagħmir normali w-inklużi fil-prezz jew li ma jkunx hemm fattura separata għalihom huma meqjusa bħala parti mit-tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura f'dak il-każ-

### *Artikolu 104*

Settijiet, kif definiti fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom ikunu meqjusa bħala settijiet oriġinanti meta l-oġġetti komponenti jkunu prodotti oriġinanti. B'dana kollu, meta sett ikunu magħmul minn oġġetti oriġinanti u mhux ta' l-oriġini, is-sett bħala tali għandu jkun meqjus bħala oriġinanti basta li l-valur ta' l-oġġetti mhux ta' l-oriġini ma jeċċedux il-15 % tal-prezz ex-xogħolijiet tas-set.

### *Artikolu 105*

Sabiex ikun iddeterminat jekk prodott ikunx prodott ta' l-oriġini, ma jkunx meħtieġ li jkun iddeterminat l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jkunu wżati fil-manifattura:

- (a) enerġija u karburanti;
- (b) impjanti u tagħmir;
- (c) makni u għoddha;
- (d) oġġetti li ma jidħlux, u li ma humiex intenzjonati li jidħlu, fil-komposizzjoni finali tal-prodott.

### *Artikolu 106*

Il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-sejjjoni dwar l-lakwist ta' status ta' l-oriġini għandhom ikunu mwettqa mingħajr interruzzjoni fir-Repubblika jew Territorju benefikanti jew fil-Komunità.

Jekk l-oġġetti oriġinanti li jkunu esportati minn Repubblika jew Territorju benefikanti jew mill-Komunità lejn pajjiż ieħor ikunu mibqħuta lura, dawn għandhom ikunu meqjusa bħala mhux ta' oriġini sa kemm ikun jista' jintwera għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti li:

- l-oġġetti mibgħuta lura huma l-istess oġġetti bħal dawk esportati, u
- ma jkun sar l-ebda xogħol jew operazzjoni fuqhom ħliet dawk meħtiegħa għall-preservazzjoni tagħhom f'kondizzjoni tajba f'dak il-pajjiż.

### *Artikolu 107*

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu ittrasportati direttament mir-Repubblika jew mit-Terrotorju lejn il-Komunità u mill-Komunità lejn ir-Repubblika jew Territorju benefikanti:

- (a) oġġetti trasportati mingħajr ma jgħaddu minn teritorju ta' xi pajjiż ieħor;
- (b) oġġetti li jikkostitwixxu konsenza waħda singla trasportati minn territorju ta' pajjiżi apparti mir-Repubblika jew Territorju benefikanti jew mil-Komunità, bil, jekk ikun hemm l-okkażżjoni, trasbord jew magażinaġġ temporanju f'dawk il-pajjiżi, basta li l-oġġetti jkunu baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali fil-pajjiż tat-transitu jew tam-ġażinaġġ u ma jkunux għaddew minn operazzjonijiet apparti minn ħatt, tagħbiha mill-ġdid jew xi operazzjoni maħsuba biex jippreservawhom f'kondizzjoni tajba;
- (c) prodotti li jkunu trasportati permezz ta' pipeline mingħajr interruzzjoni matul ir-Repubblika jew Territorju benefikanti jew mill-Komunità.

2. Evidenza li l-kondizzjonijiet stabiliti fil-paragrafu 1 (b) jkunu twettqu għandha tkun fornuta lill-awtoritajiet doganali relevanti bil-forniment ta' jew:

- (a) ta' polza ta' kargu li jkopri l-passaġġ matul il-pajjiż tat-transitu;
- jew
- (b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-transitu:
  - li jagħti deskrizzjoni eżatta ta' l-oġġetti,
  - jistqarr id-dati tal-ħatt u t-tagħbiha mill-ġdid ta' l-oġġetti u, fejn applikabli, l-ismijiet tal-vapuri jew il-mezzi l-oħra tat-trasport użati,

- jiċċertifika l-kondizzjonijiet li taħthom l-oġġetti jkunu baqgħu fil-pajjiż transitu;

jew

- (c) fnuqqas ta' dan, xi dokumenti li jissostanzjaw il-fatti.

### Artikolu 108

1. Prodotti mibgħuta minn Repubbliku jew Territorji benefikanti għal eżebizjoni fpajjiż ieħor u mibjuha wara l-eżebizjoni għal importazzjoni fil-Komunità għandhom igawdu ma' l-importazzjoni fil-Komunità mit-tariffi preferenzjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 98, basta li l-prodotti jilħqu l-ħtiġiet ta' din is-sezzjoni li tintitulhom biex ikunu magħrufa bħala li joriġinaw min Repubbliku jew Territorji benefikanti u basta li jkun muri għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li:

- (a) l-esportatur ikun bagħat il-prodotti mir-Repubblika benefikanta jew mit-Territorju benefikant lejn il-pajjiż li fi tkun saret il-wirja;
- (b) il-prodotti jkunu ġew mibjuha jew b'mod ieħor sar disponiment tagħhom minn dan l-esportatur lil persuna fil-Komunità;
- (c) il-prodotti jkunu ġew mibgħuta matul l-eżebizjoni jew immedjetament wara lill-Komunità fl-istat li fi tkunu ntbagħtu għal-eżebizjoni;
- (d) il-prodotti ma jkunux, sa minn meta kienu ntbagħtu għal-wiri, ġew użati għall-ebda skop ħlief għal-dimonstrazzjoni matul il-wirja.

2. Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandu jkun sottomess lill-awtoritajiet doganali tal-Komunità bil-mod tas-soltu. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandu jkun muri fuq iċ-ċertifikat. Meta meħtieġ, evidenza dokumentarja addizzjonali tan-natura tal-prodotti u l-kondizzjonijiet li bihom kienu murija jistgħu jkunu meħtieġa.

3. Paragrafu 1 għandu japplika għall-kull eżebizjoni, fiera, jew wirja pubblika simili jew demonstrazzjoni tas-snajja, industrijali, agrikola jew ta' l-artiġjanat li ma tkunx organiżżata għal-skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-negożju bil-għan tal-bejjgħ ta' prodotti barranin, u li matul l-eżebizjoni dawn il-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll ta' l-awtoritajiet doganali.

### Sub-sezzjoni 2

#### Prova ta' oriġini

##### Artikolu 109

Prodotti li joriġinaw f'Repubblika jew Territorji benefikanti għandhom jibbenefikaw minn din is-sezzjoni mas-sottomissjoni ta':

- (a) ċertifikat ta' ċaqlieq EUR 1, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness 21; jew
- (b) fkażi spċificati fl-Artikolu 117(1), dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 22, mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota tal-konsenja jew fuq xi dokument kummerċ-ja li jiddeskrivi l-prodott ikkonċernat b'dettalji sufficienti biex dawn ikunu jistgħu jiġi identifikati (minn hawn il-quddiem issir riferenza għalih bħala id-'dikjarazzjoni tal-fattura').

#### (a) Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR 1

##### Artikolu 110

1. Prodotti ta' l-oriġini fil-qofol ta' dak li tfisser din is-sezzjoni għandhom ikunu eligibli, ma' l-importazzjoni fil-Komunità, għall-benefiċċju mit-tariffi preferenzjali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 98, basta li jkunu ġew ittrasportati direttament lejn il-Komunità fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 107, mas-sottomissjoni ta' ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 maħruġ:

- minn awtoritajiet doganli jew governattivi ta' Bosna-Herzegovina u Kroatja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja jew dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, jew
- mill-kmamar tal-kummerċ tat-Territorji tax-Xatt tal-Punent u l-Istrippa ta' Gaża,

bil-kondizzjoni li dawn l-awtoritajiet kompetenti ta' dawn ir-Repubblika jew Territorji benefikanti:

- ikunu ikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa bl-Artikolu 121, u
- jighnu lill-Komunità billi jħallu l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li jivverifikaw l-awtentiċità tad-dokument jew il-preċiżjoni ta' l-informazzjoni rigward l-oriġini vera tal-prodotti f'dak il-każ.

2. Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jista' jinħareġ biss meta dan ikun jista' jservi ta' evidenza dokumentarja meħtieġa għall-iskopijiet tal-preferenzi tat-tariffi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 98.

3. Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandu jinħareġ fuq applikazzjoni li tkun saret bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà ta' l-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Applikazzjoni bħal din għandha ssir fuq formola, li mudell tagħha jidher fl-Anness 21, li għandha tkun mimlija skond id-dispożizzjonijiet ta' din is-sub-sezzjoni.

Applikazzjonijiet għal ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandu jinżamm mill-anqas għal tlitt snin mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew tat-Territorji benefikanti.

4. L-esportatur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jissottommetti, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti, xi evidenza supplementari li jistgħu jenħtieġu għall-iskopijiet li tkun stabbilita il-korrettezza ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodotti eligibli għal trattament preferenzjali u għandhom jinrabtu li jaqblu ma xi spezzjonar tal-kontijiet u ma xi verifika dwar iċ-ċirkostanzi li fihom il-prodotti kienu akkwistati mill-awtoritajiet imsemmija.

L-esportatur għandu jinrabat li jissottommetti, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti, xi evidenza supplementari li jistgħu jenħtieġu għall-iskopijiet li tkun stabbilita il-korrettezza ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodotti eligibli għal trattament preferenzjali u għandhom jinrabtu li jaqblu ma xi spezzjonar tal-kontijiet u ma xi verifika dwar iċ-ċirkostanzi li fihom il-prodotti kienu akkwistati mill-awtoritajiet imsemmija.

5. Iċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti, tar-Repubblika jew Territorji benefikanti jew mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jesportaw, jekk l-oġġetti li għandhom ikunu esportati jistgħu jiġi meqjusa li jkunu prodotti ta' oriġini fis-sens ta' din is-sezzjoni.

6. La darba iċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jikkonstitwixxi l-evidenza dokumentarja għall-applikar ta' l-arranġamenti preferenzjali stabbiliti fl-Artikolu 98, għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti, jew ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jesporta, li jieħdu dawk il-passi meħtieġa ħalli jivverifikaw l-oriġini ta' l-oġġetti u jiċċekjaw l-istqarrijiet l-oħra f'dak iċ-ċertifikat.

7. Għall-iskopijiet ta' verifika jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5 ma jkunux intlaħqu, il-l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti, jew ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jesporta għandhom ikollhom id-dritt li jitħolku kull evidenza dokumentarja jew li jwettqu kull eżami li huma jħossu li jkun xieraq.

8. Għandha tkun ir-responsabilità ta' l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti, jew ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jesporta, li jassiguraw li l-formuli li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 ikunu mimlija kif suppost.

9. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandha tkun indikata f'dik il-parti taċ-ċertifikat irrīservat għall-awtoritajiet doganali.

10. Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti, skond ma jkun il-każ, jew mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jesporta meta l-prodotti li għalihom jirreferi jkunu esportati. Għandu jsir disponibbli lill-esportatur malli l-esportazzjoni attwalment isseħħ jew tkun effettwata jew assigurata.

### Artikolu 111

Meta, fuq talba ta' l-importatur u bil-kondizzjonijiet stabiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta, prodotti maħtuta jew li ma jkunux armati fil-qofol ta' dak li tfisser ir-Regola Ġenerali 2 (a) tas-Sistema Armonizzata li tidhom fis-Sejjonijiet XVI u XVII jew intestaturi Nri 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata jkunu importati f'kunsenji diversi, prova singla ta' l-oriġini għal dawk il-prodotti għandha tkun sottomessa lill-awtoritajiet doganali ma' l-importazzjoni ta' l-ewwel kunsinji.

### Artikolu 112

Prova ta' l-oriġini għandha tkun sottomessa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri ta' l-importazzjoni bi qbil mal-proċeduri stabbili fl-Artikolu 62 tal-Kodiċi. L-imsemmija awtoritajiet jistgħu jenħtieġu traduzzjoni tal-prova ta' l-oriġini. Għandhom mnejn ukoll li dawn ikunu jenħtieġu li d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni tkun akkompanjata minn stqarja mill-importatur għall-effett li l-prodotti jilħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din is-sezzjoni.

### Artikolu 113

1. Bħala deroga minn l-Artikolu 110 (10), ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jista' eċċeżzjonalment ikun maħruġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jirreferi għalihom jekk:

(a) ma kienx inħareġ fil-waqta ta' esportazzjoni minħabba żbalji jew omissjonijiet aċċidentalji jew ċirkustanzi speċjali; jew

(b) ikun muri għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 kien inħareġ imma ma kienx ġie aċċettat ma' l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 retrospettiv biss wara li jivverifikaw li l-partikolaritajiet li jkun hemm fl-applikazzjoni ta' l-esportatur jkunu konformi ma dawk li jkun hemm fid-dokumenti korrespondenti ta' l-esportazzjoni u li l-ebda ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jissodisa id-dispożizzjoni ta' din is-sezzjoni ma kienx ġie maħruġ meta l-prodotti f'dak il-każ kienu ġew esportati.

3. Ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 maħruġa retrospettivament għandhom iġib u juru waħda minn dawn il-frażijiet:

'EXPEDIDO A POSTERIORI', 'UDSTEDT EFTERFØLGENDE', 'NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT', 'ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ', 'ISSUED RETROSPECTIVELY', 'DELIVRE A POSTERIORI', 'RILASCIATO A POSTERIORI', 'AFGEGEVEN A POSTERIORI', 'EMITIDO A POSTERIORI', 'ANNETTU JÄLKIKÄTEEN', 'UTFÄRDAT I EFTERHAND'.

4. Il-kitbiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 3 għandhom jitniżżlu fil-kaxxa 'Remarks' (rimarki) fuq iċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1.

#### Artikolu 114

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1, l-esportatur jista' japplika lill-awtoritajiet doganali, jew l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li jesporta li jkun ħarġu biex issir kopja duplikata li għandha tithejjha fuq il-bażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni li jkunu fil-pusses tagħhom.

2. Il-kopja duplika maħruġa b'dan il-mod għandu jinkiteb fuqha dawn il-kliem:

'DUPLICADO', 'DUPLIKAT', 'DUPLIKAT', 'ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ', 'DUPLICATE', 'DUPLICATA', 'DUPLICATO', 'DUPLICAAT', 'SEGUNDA VIA', 'KAKSOISKAPPAL', 'DUPLIKAT'.

3. Il-kitbiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 għandhom jitniżżlu fil-kaxxa 'Rimarki' fuq iċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1.

4. Il-kopja duplikata, li għandha turi id-data tal-ħruġ ta' l-oriġinali ta' iċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1, għandha ssir effettiva minn dik id-data.

#### Artikolu 115

1. Meta prodotti ta' l-oriġini jitmieġġi taħbi il-kontroll ta' uffiċċju doganali fil-Komunità, għandha tkun possibli li tkun mibdula il-prova ta' l-oriġini oriġinali b'wieħed jew aktar ġerifikati ta' ċaqlieq EUR.1 għall-is-kopja li jintbagħtu dawn il-proddotti kollha jew uħud minnhom x'imkien ieħor fil-Komunità. Iċ-ċertifikat(i) ta' ċaqlieq EUR.1 mibdul(a) għandhom jinħarġu mill-uffiċċji doganali li taħbi il-kontroll tagħhom jitqiegħdu l-proddotti.

#### Artikolu 116

1. Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandu jkun validu għal ħames xħur mid-data tal-ħruġ fir-Repubblika jew Territorju benefikanti jew fil-Komunità, u għandu jkun sottomess fi żmien l-imsemmi perjodu lill-awtoritajiet doganali ta' l-istat Membru jew tar-Repubblika jew tat-Territorju benefikanti li jimporta.

2. Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 li jkun sottomess lill-awtoritajiet doganali ta' l-istat Membru wara d-data finali tal-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jista' tkun aċċettat għall-is-kopja ta' l-applikar ta' trattament preferenzjali, meta n-nuqqas tas-sottomissjoni taċ-ċertifikat sad-data finali jkun minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

3. F'każi oħra ta' dewmien ta' preżentazzjoni kif esiġiti fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet doganali ta' l-istat Membru li jimporda jistgħu jaċċettaw iċ-ċertifikati jekk il-proddotti kienu ġew sottomessi lilhom qabel l-imsemmija data finali.

#### (b) Dikjarazzjoni tal-fattura

#### Artikolu 117

1. Id-dikjarazzjoni tal-fattura tista' sseħħi:

- (a) minn esportatur approvat fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 118, jew

- (b) minn xi esportatur għal xi konsenja li tikkonsisti minn wieħed jew aktar pakketti li jkun sihom proddotti oriġinanti li l-valur totali tagħhom ma jeċċedix EKU 3 000, bil-kondizzjoni li l-għajnejna li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 110(1) tkun applikabbli għal din il-proċedura.

2. Dikjarazzjoni ta' fattura tista' tkun magħmulu jekk il-proddotti kkonċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala oriġinanti fil-Komunità jew f'Repubblika jew Territorju benefikanti fil-qofol ta' dak li tfisser din is-sezzjoni.

3. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni ta' fattura għandu jkun lest li jissottometti f'kull waqt, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità jew tar-Repubblika jew Territorju benefikanti, skond ma jkun il-każ, id-dokumenti kollha xierqa biex jissostanza l-istatus ta' l-oriġini tal-proddotti kkonċernati kif ukoll tat-twettieq tal-kooperazzjoni amministrativa li hemm referenza għalha f'din is-sezzjoni.

4. Dikjarazzjoni ta' fattura għandha ssir mill-epostatur bit-tipa, timbrar jew stampar fuq il-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 22, billi juża waħda mill-verżjonijiet

lingwistiċi stabbiliti fdak l-Anness u bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż li jesporta. Jekk id-dikjarazzjoni tkun bil-kitba, din għandha tinkiteb bil-linka u l-ittri kapitali.

5. Dikjarazzjoni jiet tal-fattura għandhom juru l-firma oriġinali ta' l-esportur li tkun magħmula bl-idejn. B'dana kollu, esportatur approvat fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 118 m'għandux ikun meħtieġ li jifirma dikjarazzjoni bħal dawk basta li hu jagħti lill-awtoritajiet governattivi wiegħda bil-miktub li hu jaċċetta r-reponsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni ta' fattura li tidentifika llu bħal li kieku din kienet ġiet iffermata bl-idejn minnu stess.

6. Fil-każi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 (b), l-użu ta' dikjarazzjoni ta' fattura għandu jkun suġġett għal kondizzjonijiet speċjali li ġejjin:

- (a) dikjarazzjoni ta' fattura waħda għandha ssir għall-kull konsejha;
- (b) jekk l-oġġetti li jkunu fil-konsenja jkunu diġa' kienu suġġetti għal verifika fir-Repubblika jew Territoryu benefikanti b'referenza għad-din definizjoni ta' 'prodotti oriġinanti', l-esportatur jista' jirreferi għal din il-verifika fid-dikjarazzjoni tal-fattura.

Id-dispożizzjoni jiet ta' l-ewwel sottoparagrafu ma jeżentawx lill-esportaturi milli jkun konformi ma xi formalitajiet oħra meħtieġa mir-regolamenti doganali jew postali.

### Artikolu 118

1. L-awtoritajiet doganali fil-Komunità jistgħu jawtoriżżaw lill xi esportatur, minn hawn il-quddiem irriferut bħala 'esportatur approvat', li jagħmel konsenji ta' spiss ta' prodotti fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 98(2), biex jagħmel id-dikjarazzjoni jiet tal-fattura irrespettivamente mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jkun qiegħed ifitħex awtorizzazzjoni bħal dik għandu joffri, għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġa biex jivverifika l-istatus ta' l-oriġini tal-prodotti u t-twettieq ta' ħtiġiet oħra ta' din is-sezzjoni.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat b'kull kondizzjoni li huma jħossu li tkun xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jiġi jipprova l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull waqt. Għandhom jgħamlu hekk meta l-esportatur approvat ma jkunx joffri aktar il-garanziji li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2, ma jwettaq il-kondizzjoni jiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2 jew jagħmel użu mhux xieraq ta' l-awtorizzazzjoni b'kull manjiera possibbi.

### Artikolu 119

1. Prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lill-persuni privati jew li jifformaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġgaturi għandhom ikunu aċċettati bħala prodotti ta' l-oriġini li jibbenefikaw mit-tariffi preferenzjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 98 mingħajr il-ħtieġa ta' sottomissjoni ta' ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew ta' dikjarazzjoni ta' fattura, basta li dawk il-prodotti jkunu ta' natura mhux kummerċjali u jkunu ġew iddiķarati bħala li jilhqo l-kondizzjoni jiet meħtieġa għall-applikar ta' din is-sejjoni, meta ma jkunx hemm dubju tal-veraċċità ta' dik id-dikjarazzjoni.

2. Importazzjoni li tkun ta' kull tant u li tkun tikkonsisti esklusivament minn prodotti ta' użu personali ta' dawk li jirċievu jew vjaġġgaturi jew tal-familji tagħhom għandhom ikunu meq-jusa bħala li jkunu ta' natura mhux kummerċjali jekk ikun jidher ċar min-natura u l-kwantità tal-prodotti li dawn ma jkunx qiegħdin jiġi mpurtati għal raġunijiet kummerċjali.

Aktar minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m'għandux jeċċedi EKU 215 fil-laż ta' pakki żgħar jew EKU 600 fil-każi ta' kontenut fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

### Artikolu 120

Is-sejbien ta' diskrepanzi żgħar bejn l-istqarijiet magħmula fid-dikjarazzjoni tal-prova ta' l-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti mgħoddija lill-uffiċċju doganali għall-iskopijiet tat-twettieq tal-formalitajiet għall-importazzjoni ta' l-oġġetti għandhom ipso facto jirrendu il-prova ta' oriġini nulla u vojta, basta li jkun ġie stabbilit li d-dokument ikun jikkorespondi mal-prodotti ippreżentati.

Żbalji formali ovvji bħal ma huma żbalji fit — tipa fuq prova ta' l-oriġini m'għandhomx jikkawżaw li d-dokument ikunu mīchħud jekk dawk l-iż-żbalji ma jkunux tali li joħolqu dubju dwar il-korrettezza ta' l-istqarrijiet magħmula fid-dokument.

### Sub-sezzjoni 3

#### Metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

### Artikolu 121

1. Ir-Repubblika jew Territoryu benefikanti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u indirizzi ta' l-awtoritajiet governattivi li jinstabu fit-territorju tagħhom li

jkunu mogħtija l-poter li joħorġu ċ-ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1, flimkien mal-kampjuni tat-timbri wżati minn dawk l-awtoritajiet, u l-ismijiet w-indirizzi ta' l-awtoritajiet governativi relevanti responsabbli għal kontroll taċ-ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 u d-dikjarazzjoni tal-fatturi. It-timbri għandhom ikunu validi mid-data tal-wasla għand il-Kummissjoni tal-kampjuni. Il-Kummissjoni għandha twassal din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri. Meta dawn il-komunikazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni għandha tindika d-data tad-dħul fl-użu ta' dawk it-timbri ġoddha bi qbil ma' l-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti. Din l-informazzjoni hija għal użu mingħajr; b'dana kollu, meta ogħġetti jkunu ippreżen-tati għal ċirkolazzjoni ħielsa, l-awtoritajiet doganali f'dak il-każ għandhom jippermettu lill-importatur jew lir-rapreżendant awtorizzat tiegħu li jikkonsulta l-impressjoni tal-kampjun tat-timbri imsemmija f'dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lir-Repubblika jew Territorji benefikanti il-kampjun ta' timbri utiliżżati mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri meta joħorġu ċ-ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1.

#### Artikolu 122

1. Verifika sussegwenti ta' ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 jew dikjarazzjoni jiet ta' fattura għandhom jitwettqu mingħajr regola partikolari jew kull meta l-awtoritajiet doganali fl-Istat Membri li jimporta jew l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti, ikollhom dubji raġjonevoli dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti jew ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodotti kkonċernati jew it-twettieq ta' ħtiġiet oħra ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

2. Għall-iskopijiet li jkunu implementati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membri li jimporta jew tar-Repubblika jew Territorju benefikanti għandhom jibgħatu lura ċ-ċertrifikat ta' ċaqlieq EUR.1, id-dikjarazzjoni ta' fattura jew kopja ta' dawn id-dokumenti lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti, jew lejn l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jesporta, jagħtu, fejn xieraq, ir-raġunijiet tas-sustanza jew l-għamla għal inkjesta.

Huma għandhom jhemžu xi dokumenti rilevanti jew kopja tagħhom maċ-ċertifikat EUR.1 jew id-dikjarazzjoni tal-fattura u xi dokumenti w-informazzjoni akwistata u jissuġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fuq il-prova ta' l-oriġini ma tkunx korretta, għandhom jintbgħatu bħala sostenn tat-talba għal verifikasi.

Jekk l-awtoritajiet doganali fl-Istat Membri li jimporta jiddeċiedu li jissospendu l-għoti ta' trattament preferenziali lill-prodotti kkonċernati sa kemm jistennew ir-riżultati tal-verifikasi, ir-rilaxx tal-prodotti għandha tkun offrata lill-impurtatur, suġġett għal xi miżuri ta' prekawzjoni li huma jħossu li jkunu xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jimporta, jew l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorju benefikanti, li jitkolbu l-verifikasi għandhom ikunu nfirmati bir-riżultati ta' din il-verifikasi fi żmien sitt xhur. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw ċar jekk iċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew id-dikjarazzjoni tal-fattura jkunux japplikaw għall-prodotti att-walment esportati, u jekk dawn il-prodotti jkunux jistgħu jibbenikaw mill-preferenzi li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 98.

4. Għall-iskopijiet sussegwenti ta' verifikasi taċ-ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 u d-dikjarazzjoni tal-fattura, kif ukoll xi dokumenti ta' l-esportazzjoni jew xi kopji ta' ċertifikati li jireferu għalhom, għandhom jinżammu mill-anqas għal tlett snin mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika jew Territorji benefikanti, jew mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membri li jesporta.

5. Jekk, fil-każi ta' dubju raġjonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien għaxar xhur mit-talba, jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha informazzjoni suffiċjenti ħalli tkun iddeterminata l-awtentiċità tad-dokument f'dak il-każ, jew ta' l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet li jkunu għamlu t-talba għandhom, ħlief fċirkostanzi eċċeżjoni, jirrifutaw id-dritt ta' trattament preferenziali.

#### Sub-sezzjoni 4

##### Ceuta u Melilla

#### Artikolu 123

1. It-termini 'Komunità' wżata f'din is-sezzjoni m'għandiekk tkopri lil Ceuta u Melilla. It-termini 'prodotti li jorġinaw fil-Komunità' ma jkoprix il-prodotti li jorġinaw ġewwa Ceuta u Melilla.

2. Din is-sezzjoni għandha tapplika mutatis mutandis fid-determinar ta' jekk il-prodotti jistgħux ikunu meqjusa bħala li jorġinaw fir-Repubblika jew Territorji benefikanti li jesportaw li jibbenikaw mill-preferenzi meta jkunu mpurtati f'Ceuta u Melilla jew bħala li jorġinaw f'Cueta u Melilla.

3. Ceuta u Melilla għandhom ikun meqjusa bħala territorju wieħed.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din is-sezzjoni jikkonċernaw il-ħruġ, użu u verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' caqleq EUR.1 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal prodotti li jorigi-naw ġewwa Ceuta u Melilla.

5. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikar ta' din is-sezzjoni ġewwa Cueta u Melilla."

3. L-Artikolu 220 huwa mibdul b'dan it-test li ġej:

#### "L-Artikolu 220

1. Mingħajr pregudizju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi, id-dokument li għandhom jakkumpanjaw id-dikjarazzjoni għad-dħul għal proċedura doganali b'impatt ekonomiku, għandu jkun kif ġej:

(a) għal-proċedura ta' magażinaġġ doganali:

- tip D; id-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 218(1)(a) u (b),
- apparti minn tip D; l-ebda dokumenti;

(b) għal proċedura ta' ipproċessar il-ġewwa

- sistema ta' teħid l-ura; id-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 218(1),
- sistema ta' sospensjoni; id-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 218(1)(a) u (b),

u, fejn applikabbli, l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-proċedura doganali f'dak il-każ jew kopja ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni meta it-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 556(1) ikun applikabbli;

(c) għal ipproċessar taħt kontroll doganali id-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 218(1)(a) u (b), u, dejn xieraq, l-awtorizzazzjoni bil-miktub għal proċedura doganali f'dak il-każ;

(d) għall-proċedura ta' importazzjoni temporanja:

- b'ħelsien parżjali mid-dazji ta' l-importazzjoni; id-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 218(1),
- b'ħelsien totali mid-dazji ta' l-importazzjoni; id-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 218(1)(a) u (b),

u, fejn xieraq, l-awtorizzazzjoni bil-miktub għal proċedura doganali f'dak il-każ;

(e) għal proċeduri ta' ipproċessar il-barra, id-dokumenti stabiliti fl-Artikolu 221(1) u, fejn xieraq, l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-proċedura jew kopja ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni meta t-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikoli 751(1) jkun applikabbli.

2. L-Artikolu 218(2) għandu japplika għal dikjarazzjoni jiet tad-dħul għal kull proċedura doganali b'impatt ekonomiku.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-proċedura jew kopja ta' l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li tinżamm għad-dispożizzjoni tagħhom minflok li jikkumpanjaw id-dikjarazzjoni.

4. Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' l-Artikolu 228:

L-irċevuta għandha tinkludi mill-anqas din l-informazzjoni:

(a) deskrizzjoni ta' l-oġġetti li tkun biż-żejjed eżatta biex tip-permetti li dawn ikunu identifikati; din tista' tinkludi l-intestatura tat-tariffa;

(b) il-valur tal-fattura u/jew il-kwantità ta' l-oġġetti, kif xieraq;

(c) l-analizżar ta' l-imposti miġbura;

(d) id-data li fiha din kienet tħejjiet;

(e) l-isem ta' l-awtorità li tkun ħarġitha.

Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'xi rċevuti normali introdotti bis-saħħha ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha twassal dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

5. Fl-Artikolu 455, paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-prova li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2 għandha tkun fornuta għas-sodisfazjon ta' l-awtoritajiet doganali:

(a) bil-produzzjoni ta' dokument doganali jew kummerċjali ċċertifikat mill-awtoritajiet doganali li jistabilixxi li l-oġġetti f'dak il-każ kienu ġew ippreżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni. Dan id-dokument għandu jinkludi informazzjoni ta' l-oġġetti li jridu jkunu identifikati, jew

(b) bil-produzzjoni ta' dokument doganali li juri d-dħul għal proċedura doganali f'pajjiż terz, jew b'kopja jew fotokopja tiegħi; din il-kopja jew fotokopja għandha tkun

iċċertifikata bħala li hija kopja vera mil-korp li jiċċertifika id-dokument oriġinali, jew mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat, jew mill-awtoritajiet ta' wieħed mill-Istati Membri. Dan id-dokument għandu jinkludi nformazzjoni li jiffaċilta li l-oġġetti f'dak il-każ jkunu identifikati, jew

- (c) għall-iskopijiet tal-Konvenzjoni ATA, bl-evidenza li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 8 ta' dik il-Konvenzjoni.”

6. dan l-Artikolu 457b li ġej għandu jkun miżjud ma Sezzjoni 2:

**“L-Artikolu 457b**

1. Meta operazzjoni TIR tikkonċerna l-istess oġġetti bħal dawk koperti bl-Artikolu 362 jew meta l-awtoritajiet doganali jikkonsidraw li jkun meħtieġ, l-uffiċċju tat-tluq/uffiċċju tad-dħul jista' jimponi itenerarju għal kunsinjal. L-itenerarju għandu jkun mibdul, fuq applikazzjoni mill-okkupant tal-karnej TIR, biss meta l-awtoritajiet doganali ta' l-istat Membri li fis tkun tinstab il-kunsinjal, waqt il-korsa taċ-ċaqlieq stabbilit. L-awtoritajiet doganali għandhom jirreġistraw id-dettalji relevanti fuq il-karnej TIR u jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali ta' l-uffiċċju tat-tluq mingħajr dewmien.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jittrattaw ma xi rejat jew irrogolarità u biex jimpononu penali effettivi.

2. Fil-każ ta' force majeure dak li jgħorr jista' jbiddel mill-itenerarju stabbilit. Il-kunsinjal u l-karnej TIR għandhom ikunu ppreżentati mingħajr dewmien lejn l-eqreb awtoritajiet doganali ta' l-istat Membri li fis tkun tinstab. L-awtoritajiet doganali għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-uffiċċju tat-tluq/uffiċċju tad-dħul b'xi tibdil u jirreġistraw id-dettalji relevanti fuq il-karnej TIR.”

7. L-Artikolu 629 huwa mibdul b'dan li ġej:

**“L-Artikolu 629**

Id-dikjarazzjoni jew applikazzjoni biex ikunu assenjati prodotti kumpensanti jew, jekk ikun hemm bżonn, l-oġġetti fi stat mhux mibdul lejn xi waħda mit-trattamenti jew użu approvat mid-dwana li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 128 tal-Kodiċi għandhom ikollhom il-partikularitajiet meħtieġa biex isostnu it-talba għal ħlas lura.”

8. L-Artikolu 630 huwa mibdul b'dan li ġej:

**“L-Artikolu 630**

Mingħajr preġudizju għall-użu ta' proċeduri simplifikati, xi proddott kumpensanti u, jekk jenħtieġ, oġġetti fi stat mhux

mibdul li għandhom ikunu assenjati lejn xi wieħed mit-trattamenti jew użu approvat mid-dwana li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 128 tal-Kodiċi għandhom ikunu ippreżentati fl-uffiċċju tar-riłaxx u jgħaddu mill-formalitajiet doganali spċificati għal dak it-trattament jew użu f'dak il-każ bi qbil ma d-dispożizzjonijiet ġenerali kif applikabbli.”

9. L-Artikolu 631(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

“1. Ħlief meta l-Artikolu 568 jkun applikabbli, id-dikjarazzjoni li tassenja prodotti kumpensanti u, jekk meħtieġ, oġġetti fi stat mhux alterat lejn xi wieħed mit-trattamenti jew użu approvati mid-dwana li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 128 tal-Kodiċi għandhom ikunu ppreżentati fl-uffiċċju tar-riłaxx spċificat mill-awtorizzazzjoni.”

10. L-Artikolu 640(1)(j) huwa mibdul b'dan li ġej:

“(j) referenza għad-dikjarazzjoni li permezz tagħħom il-prodotti kumpensanti jew, jekk jenħtieġ, oġġetti fi stat mhux mibdul kienu ġew imdaħħla għal wieħed mit-trattamenti jew użu approvat mid-dwana li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 128 tal-Kodiċi;”.

11. Parti IV ta' Titolu III huwa emendat kif ġej:

- (a) Dan it-Titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

**“IRKUPRU TA' L-AMMONT TA' DEJN DOGANALI”**

- (b) Din is-sentenza li ġejja hija miżjudha ma' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 871:

“Għandu wkoll ikun fih stqarrija iffirmsata mill-persuna kkonċernata mal-każ li għandu jitressaq quddiem il-Kummissjoni, jiċċertifikä li hu kien qara il-każ u jistqarr, jew li hu m'għandu xejn li jżid, jew li jniżżeq l-informazzjoni addizzjonal kollha li hu jikkonsidra li għandha tkun inkluża.”

- (c) Dan l-Artikolu 876a kif ġej huwa miżjud:

**“L-Artikolu 876a**

1. L-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu l-obligazzjoni tad-debitur li jħallas id-dazji sat-tali żmien sa kemm huma jkunu ħadu d-deċiżjoni fuq it-talba, basta li, meta l-oġġetti ma jkunux aktar taħt is-superviżjoni doganali, garanzija tkun ippreżentata għall-ammont ta' dawk id-dazj, u li:

- (a) fil-każi fejn talba li dikjarazzjoni tkun ġiet ippreżentata tkun dikkjarata invalida, din it-talba aktarx li tkun milquha;
- (b) fil-każi meta talba tkun ġiet ippreżentata għal remissjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 236 b'konnessjoni ma' l-Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi jew bis-saħħa ta' l-Artikolu 238 jew l-Artikolu 239, l-awtoritajiet doganali jikkunsidraw li l-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjoni relevanti jistgħu jkunu meqjusa bħala li kienu kienu ġew imwettqa;
- (c) f'każi oħra apparti minn dawk li hemm referenza dwarhom f'(b), talba tkun ġiet ippreżentata għal remissjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 236 tal-Kodiċi u l-kondizzjonijiet li hemm referenza dwarhom fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 244 tal-Kodiċi jkunu ġew imwettqa.

M'għandux ikun meħtieġ li jkun hemm bżonn ta' garanzija meta htiegħa bħal din aktarx li, minħabba ċ-ċirkostanzi tad-debitur, tikkawża diffikultajiet serji ekonomiċi jew soċjali.

2. Fil-każi meta ogħġetti f'waħda miċ-ċirkostanzi li hemm referenza dwarhom fit-tieni indent ta' l-Artikolu 233(c) jew l-Artikolu 233(d) tal-Kodiċi jkunu maqbuda, l-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu l-obligazzjoni tad-debitur li jħallas id-dazji jekk huma jqisus li l-kondizzjonijiet għal konfiska jistgħu ikunu meq-jusa bħala li kienu ġew imwettqa.”

12. Din is-sentenza li ġejja hija miżjudha ma' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 905(2):

Għandha wkoll tinkludi stqarrija, iffirmsata mill-applikant għal pagament l-ura jew remissjoni, jiċċertifika li hu kien qara

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-milja tiegħu u direttament ikun japplika fl-Istati Membru kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1996.

I-każ u jistqarr jew li hu ma jkollu xejn xi jżid jew iniżżeġ l-informazzjoni addizzjonal li hu jikkonsidra li għandha tkun inkluża.

- 13. L-Annes I ta' dan ir-Regolament huwa mdaħħal bħala l-Anness 1A.
- 14. L-Anness 11 huwa emendat bi qbil ma' l-Anness II hawnhekk.
- 15. L-Anness 14 huwa emendat bi qbil ma' l-Anness III hawnhekk.
- 16. L-Anness 15 huwa mibdul bit-test ta' l-Anness IV hawnhekk.
- 17. L-Anness 17 huwa mibdul bit-test ta' l-Anness V hawnhekk.
- 18. L-Anness 18 huwa mibdul bit-test ta' l-Anness VI hawnhekk.
- 19. L-Anness 19 huwa mibdul bit-test ta' l-Anness VII hawnhekk.
- 20. L-Anness 20 huwa mibdul bit-test ta' l-Anness VIII hawnhekk.
- 21. L-Anness 22 huwa mibdul bit-test ta' l-Anness IX hawnhekk.
- 22. L-Anness 38 huwa emendat bi qbil ma' l-Anness X hawnhekk.
- 23. L-Anness 87 huwa emendat bi qbil ma' l-Anness XI hawnhekk.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċċiali tal-Komunitajiet Ewropea.

*Għal Kummissjoni*

Mario MONTI

*Membru tal-Kummissjoni*

## KOMUNITÀ EWROPEA - INFORMAZZJONI LI TORBOT DWAR ORIĠINI

<b>1 Awtorità doganali kompetenti</b>	<b>2 Referenza dwar informazzjoni li torbot dwar oriġini</b>			
	<b>3 Data tal-bidu ta' validità</b> Sena                    Xahar                    Jum			
<b>4 Detentur</b>	<b>5 Data u referenza ta' l-applikazzjoni</b> Sena                    Xahar                    Jum			
	<b>6 Klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-nomenklatura</b> (Din il-klassifikazzjoni hi ta' natura indikattiva biss, u ma torbotx l-amministrazzjoni, ħlief fuq BTI msemmi fil-kaxxa 17)			
<b>7 Deskrizzjoni tal-merkanzija</b>	u (meta jkun meħtieġ) il-komposizzjoni tagħhom u l-metodi li ntużaw biex jiġu eżaminati; denominazzjoni kummerċjali (kunfidenzjali)			
<b>8 Pajjiż ta' l-oriġini u kwadru legali</b> (mhux preferenzjali/preferenzjali; referenza għall-ftehim, konvenzjoni, deċiżjoni, regolament, ieħor)				
<b>9 ġustifikazzjoni ta' l-istima ta' l-oriġini mill-awtorità doganali</b> (merkanzija miex-saħħa sħiħa, l-aħħar tibdil sostanzjali (L-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92), xogħol fuqha jew pproċessar suffiċjenti, kumulazzjoni ta' l-oriġini, ieħor)				
Post				
Data Sena	Xahar	Jum	Firma	Timbru

<b>10</b> Prezz barra l-fabbrika (jekk meħtieġ)	(kunfidenzjali)	<b>11</b> Referenza BOI		
<b>12</b> Materjali prinċipali użati (jekk meħtieġ)	Pajjiż ta' l-oriġini	Intestatura HS/kodiċi NM	Valur (kunfidenzjali)	
Post				
Data Sena	Xahar	Jum	Firma	Timbru

	<b>13</b> Referenza BOI									
<b>14</b> Deskrizzjoni ta' l-ipproċessar mehtieġbiex tinkiseb l-oriġini (jekk meħtieġ)	(kunfidenzjali)									
<b>15</b> Ilsien										
DA	DE	EL	EN	ES	FI	FR	IT	NL	PT	SV
<b>16</b> Referenza għall-BOI eżistenti jew applikazzjoni						<b>17</b> Referenza għall-BTI eżistenti jew applikazzjoni				
<b>18</b> Kiem priċipali ((*) kunfidenzjali)										
<input type="checkbox"/> (*) <input type="checkbox"/> (*)										
<b>19</b> Dan il-BOI hu kunsinnat abbażi ta' l-elementi mogħtija mill-applikant:										
Deskrizzjoni	Brochures	Ritratti	Kampjuni	Oħrajn						
Post										
Data Sena	Xahar	Jum	Firma	Timbru						

## L-ANNESS II

Fl-Anness II, daħħal dan li ġej bejn ir-regoli li jikkonċernaw l-intestaturi “ex 8520” u “ex 8527”:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjonijiet tax-xogħol jew ipproċessar li saru fuq materjal non-oriġinanti li jikkonferixxu l-iStatus ta' prodotti oriġinanti
“ex 8523 20 90	Mikro disketts manjetiċi mhux irrekordjati ta' daqs 3.5, kemm jekk fformati minn qabel kemm jekk le u kemm jekk ikollhom jew ma jkollhomx sinjal <i>analogue</i> biex tiġi verifikata l-kwalitā tar-reġistrazzjoni fuq id-disk	<p>Assemblaġġ tad-diskett (inkluż l-inserment tad-disk manjetiku u assemblaġġ tal-qoxra) biziż-żieda tal-manifattura ta': jew id-disk manjetiku (inkluiż l-illustrar) jew l-qxur ta' fuq jew ta' taħt.</p> <p>Jekk la d-disk u l-anqas l-qxur ta' fuq u ta' taħt ma huma mmamnifatturati fil-pajjiż fejn isir l-assemblaġġ tad-diskett, id-disketts ikollhom l-oriġini tal-pajjiż minn fejn jorġinaw il-komponenti li jirrapreżentaw l-ogħla perċentwali tal-prezz barra l-fabrika. L-assemblaġġ tad-diskett (inkluż l-inserment tad-disk manjetiku u l-assemblaġġ tal-qxur) u l-ippakkjar biss ma jikkonferixxu orīġini.”</p>

*L-ANNESS III*

L-Anness 14 huwa emendat kif ġej:

*Prefazju u Nota 2.1:*

Minflok: "... fl-Artikolu 69(1), 100 (1) u 122 (1)",

aqra: "... Fl-Artikolu 69(1) u 100 (1)";

*Nota 2.5:*

Minflok: "... fil-qofol ta' dak li jfissru l-Artikoli 70, 100 (3) u 122 (3)",

aqra: "... fil-qofol ta' dak li jfissru l-Artikoli 70 u 101".

Ibdel it-termini "Territorji Okkupati" bit-termini "Territorji tax-Xatt tal-Punent u l-Istrippa ta' Gaża"

---

## L-ANNESS IV

## “L-ANNESS 15

**LISTA TA' XOGĦOL JEW OPERAZZJONIJIET TA' PROĊESSAR MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI  
NON ORIĠINANTI BIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JAKKWISTA STATUS  
T'ORIĆINI (GSP)**

Kodiċi HS	Deskriżzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċċassar li jsir fuq materjali non oriġinanti li jagħtu status ta' oriġini
(1)	(2)	(3)
0201	Laħam ta' l-annimali tal-fart, frisk jew imkessaħ	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief laħam ta' l-annimali tal-fart, iffriżat ta' l-intestatura Nru 0202
0202	Laħam ta' l-annimali tal-fart, iffriżat	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief laħam ta' l-annimali tal-fart, frisk jew imkessaħ ta' l-intestatura Nru 0201
0206	Interjuri ta'l-ikel ta'l-annimali tal-fart, hniexer, nagħaq, mogħoż, żwiemel, ħmir, bgħula jew bardotti, frisk, imkessaħ jew iffriżat	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief kar-kassi ta' l-intestatura Nru 0201 sa 0205
0210	Laħam u interjuri tal-laħam li jittieku, immellaħ, immarinat, imnixxef jew iffumikat, dqiq għall-ikel u t-tisjiriet tal-laħam jew interjuri tal-laħam	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief laħam u interjuri ta' l-intestatura Nru 0201 sa 0206 u 0208 jew fwied tal-pollam ta' l-intestatura Nru 0207
0302 sa 0305	Ħut, barra minn ħut ġaj	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 3 wżati jrid ikun diġà oriġinanti
0402, 0404 ex 0405 0406	Prodotti tal-ħalib, ħlief spreads derivati mill-ħalib ta' kontenut grass, bil-piż, ta' 39 % jew iżżej, iżda inqas minn 75 %	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief ħalib jew krema ta' l-intestatura Nru 0401 jew 0402
0403	Xorrox, ħalib imbaqqat u krema, jogurt, kephir u ħalib ieħor i fermentat jew aċidifikat u krema, irrisspettivament jekk hux konċentrat jew fiex zokkor miżjud jew materja oħra dulċiċikanti jew bit-togħma, jew fiex frott miżjud jew kawkaw	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 wżati jridu jkunu oriġinanti, — kwalunkwe meraq tal-frott ta' l-intestatura Nru 2009 jew sukrożju użat irid ikun oriġinanti, u — l-valor tal-materjali kollha tal-Kapitolu 18 użati ma' jeċċedux l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
0408	Bajd tal-ħasafar, mhux fil-qoxra, u isfra tal-bajd, frisk, imnixx-xf, msajjar bil-fwar jew permezz ta' togħlija fl-ilma, mwawwar, iffriżat jew mod ieħor ippriżżervat, irrisspettivament jekk fiex zokkor miżjud jew dulċiċikant ieħor	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief bajd tal-ħasafar ta' l-intestatura Nru 0407
ex 0506	Għadam u ġewwieni tal-qrun, mhux maħduma	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati jridu diġà jkunu oriġinanti
0710 sa 0713	Ħxejjex għall-ikel, iffriżati jew imnixxa, proviżorjament priżżervati, ħlief għall-intestaturi Nru ex 0710 u ex 0711, li għalihom ir-regoli huma indiktati iktar l-isfel.	Manifattura li fiha l-materjali kollha ta' ħaxix użati jridu jkunu diġà oriġinanti

(1)	(2)	(3)
ex 0710	Qamħirrum ħelu (mhux imsajjar jew imsajjar permezz ta' fwar jew togħlija fl-ilma), iffriżat	Manifattura minn qamħirrum ħelu frisk jew imkessaħ
ex 0711	Qamħirrum ħelu, priżervat proviżorjament	Manifattura minn qamħirrum ħelu frisk jew imkessaħ
0811	Frott u lewż, mhux imsajjar jew imsajjar permezz tal-fwar jew mgholl fl-ilma, iffriżat, irrisspettivament jekk fihx zokkor miżjud jew dulċifikant ieħor:  — li fih zokkor miżjud  — Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjal kollu wżat irid ikun diġà oriġinanti  Manifattura li fiha l-frott jew il-lewż użat jrid jkun diġà oriġinanti
0812	Frott u lewż priżervat proviżorjament (per eżempju, permezz tal-gass tad-diossidu tas-sulfat, immarinat, jew fl-ilma sulfat, jew f'soluzzjonijiet oħra priservattivi), imma mhux adatti f'dak l-istat għall-konsum immedjat	Manifattura li fiha l-frott u l-lewżużati jridu jkunu diġà oriġinanti
0813	Frott, imnixx, barra minn dak ta' l-intestaturi Nru 0801 sa 0806; taħlitiet ta' lewżjew frottijiet imnixxa ta' dan il-Kapitolu	Manifattura li fiha l-frott kollu jew il-lewżużati jridu jkunu diġà oriġinanti
0814	Qxur tal-frott taċ-ċitru jew biettieħ (inkluż id-dulliegħ), frisk, iffriżat, imnixx, jew priżervat proviżorjament immarinat fl-ilma sulfat, jew f'soluzzjonijiet priservattivi oħrajn	Manifattura li fiha l-frott jew il-lewżkollu jridu jkunu diġà oriġinanti
ex Kapitolo 11	Prodotti ta' l-industrija tat-tħin; maltu, lamtu; inulina; glutina tal-qamħ, ħliel għall-intestatura Nru ex 1106, li għalihom ir-regola hija indiktata iktar 'l-isfel	Manifattura li fiha c-ċereali kollha, ħxejjex tajbin għall-ikel, għe-ruq u tuberi ta' l-intestatura Nru 0714 jew frott użat irid ikun diġà oriġinanti
ex 1106	Dqiq, tisjir jew trab tal-ħxejjex leguminużi imnixxa, bla qoxra ta'l-intestatura Nru 0713	Tnixxif u tħin ta' ħxejjex leguminużi ta' l-intestura Nru 0708
1301	Gommalakka, gomma naturali, reżini, reżini tal-gomma u oleoreżini (per eżempju balzmi)	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha ta' l-intestatura Nru 1301 użat ma jistax jeċċedi l-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 1302	Oleoreżina tal-vanilla	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati fintestatura ħliel dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati fl-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jkunx iż-żejjed minn 20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
1501	Xaħam tal-majjal (inkluż xaħam) jew tal-pollam, ħliel dak ta' l-intestatura Nru. 0209 jew 1503  — Xaħmijiet minn għadam jew skart  — Oħrajn	Manifattura mill-materjali ta' kwalunkwe intestatura ħliel dawk ta' l-intestaturi Nru 0203, 0206 jew 0207 jew għadam ta' l-intestatura Nru 0506  Manifattura minn laħam jew interjuri għall-ikel ta' majjali ta' l-intestatura Nru 0203 jew 0206 jew ta' laħam jew interjuri għall-ikel jew pollam ta' l-intestaturi Nru 0207

(1)	(2)	(3)
1502	Xaħmijiet ta' l-animali tal-fart, nagħaq jew mogħoż, ħlief dawk ta' l-intestatura Nru. 1503:  — Xaħmijiet minn għadam jew skart  — Oħrajn	Manifattura mill-materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief dawk ta' l-intestaturi Nri. 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew għadam ta' l-intestatura Nru 0506  Manifattura li fiha l-materjali kollha ta' l-animali tal-Kapitolu 2 użati jridu jkunu diġà oriġinanti
1504	Xaħmijiet u żjut, u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut jew mammiferi tal-baħar, irrispettivament jekk humiex raffinati jew le, iżda mhux kimikament modifikati:  — Frazzjonijiet solidi  — Oħrajn	Manifattura mill-materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra ta' l-intestatura Nru 1504  Manifattura li fiha l-materjali kollha ta' l-animali tal-Kapitolu 2 u 3 użati jridu jkunu diġà oriġinanti
ex 1505	Lanolina raffinata	Manifattura miż-żejt tas-suf krud ta' l-intestatura Nru 1505
1506	Xaħmijiet ta' annimali oħrajn u żjut u frazzjonijiet tagħhom, irrispettivament jekk humiex raffinati jew le, iżda mhux kimikament modifikati:  — Frazzjonijiet solidi  — Oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra ta' l-intestatura Nru 1506  Manifattura li fiha l-materjali kollha ta' l-animali tal-Kapitolu 2 użati, jridu jkunu diġà oriġinanti
ex 1507 sa 1515	Żjut ta' ħxejjex iffissati u l-frazzjonijiet tagħhom, irrispettivament jekk hux raffinati jew le, iżda mhux kimikament modifikati:  — Frazzjonijiet solidi, ħlief għall-dawk taż-żejt tal-ġoġoba  — Oħrajn, ħlief għall-: — Żejt tat-tung, żjut ta' l-oitcica, xama' tar-rihanu xama' tal-Čappun — Dawk għall-użu tekniku u industrijali barra mill-manifattura ta' ikel għall-konsum uman	Manifattura minn materjali oħrajn ta' l-intestaturi Nri 1507 sa 1515  Manifattura li fiha l-materjali kollha veġetal użati jridu jkunu diġà oriġinanti
ex 1516	Xaħmijiet ta' annimali jew ħxejjex, u l-frazzjonijiet tagħhom, esterifikati mill-ġdid, irrispettivament humiex raffinati jew le imma mhux ippreparati aktar	Manifattura li fiha l-materjali kollha ta' l-animali u veġetal użati jridu jkunu diġà oriġinanti
ex 1517	Taħlitiet likwidli għall-ikel, ta' żjut veġetal ta' l-intestaturi Nru 1507 sa 1515	Manifattura li fiha l-materjali veġetal wżati jridu jkunu diġà oriġinanti
1601	Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, ta' l-interjuri jew tad-demm, preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti	Manifattura minn annimali tal-Kapitolu 1
1602	Laħam ieħor ippreparat u ppriżervat, interjuri jew demm	Manifattura minn annimali tal-Kapitolu 1
1603	Estratti u meraq tal-laħam, ħut jew krustaċi, ta' molluski jew invertebrati oħra akwatiċi	Manifattura minn annimali tal-Kapitolu 1. Madankollu, l-ħut kollu, krustaċi, molluski, jew invertebrati oħra akwatiċi, użati jridu jkunu diġà oriġinanti
1604	Ħut ippreparat jew ippriżervat, kavjar u sostituti tal-kavjar, ippreparati minn bajd tal-ħut	Manifattura li fiha l-ħut kollu jew il-bajd tal-ħut użat jrid ikun diġà oriġinanti

(1)	(2)	(3)
1605	Krustaċji, molluski u invertebrati oħra akwatiċi, ippreparati jew ippriservati	Manifattura li fiha l-krustaċji kollha, molluski jew invertebrati oħra akwatiċi użati jridu jkunu diġà oriġinanti
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli jew pitravi, u sukrożju kimikament pur, fforma solida, mogħti t-togħma jekkulur	Manifattura minn materjali mhux klassifikati taħt l-istess intestatura bħall-prodott. Madankollu, kull materjal għat-togħma jekkulur użat, irid ikun diġà oriġinanti
1702	Zokkor ieħor, inkluż lattożju kimikament pur, maltożju, glukożju u fruttożju, fforma solida, xiroppi taz-zokkor li ma jkunx fihom togħma miżjudha jekkulur, għasel artifiċjali, irrisspettivament jekk hux imħallat ma' għasel naturali jekkulur le; karamella:  — maltożju klinikament pur u fruttożju  — Oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi l-materjali ta' l-intestatura Nru 1702  Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati jridu jkunu diġà oriġinanti
ex 1703	Molassi li jirriżultaw minn l-estrazzjoni jew raffinar ta' zokkor, mogħti t-togħma jekkulur	Manifattura minn materjali mhux klassifikati taħt l-istess intestatura bħall-prodott. Madankollu, kull togħma jekkulur iridu jkunu diġà oriġinanti
1704	Heļu miz-zokkor (inkluża ċ-ċikkulata bajda), li ma jkunx fiha kawkaw	Manifattura minn materjali mhux klassifikati taħt il-Kapitolu 17. Madankollu, kull togħma jekkulur iridu jkunu diġà oriġinanti
1804	Butir tal-kawkaw, xaħam u żejt	Manifattura li fiha ż-żerriegħha tal-kawkaw użata trid tkun diġà oriġinanti
1806	Ċikkulata jekk preparati oħra ta' l-ikel li jkun fihom il-kawkaw	Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura barra minn dik tal-prodott, kemm il-darba l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 18 użati, ma jeċċedux l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott u z-zokkor kollu ta' l-intestatura Nru 1701 użat irid ikun diġà oriġinanti
1901	Estratti tal-maltu, preparati għall-ikel minn dqiq, smida, lamtu jekk estratt tal-maltu, li ma jkunx kawkaw jew iż-żiġi anqas minn 40 %, bil-piż tal-kawkaw kkalkolat fuq bażi ta' mingħajr xaħmijiet, li mhuwiex x'imkien ieħor spċifikat jekk inkluż; preparazzjonijiet ta' ikel, ta' prodotti ta' l-intestatura Nru 0401 sa 0404, li ma jkunx fihom kawkaw jew iż-żiġi anqas minn 5 %, bil-piż tal-kawkaw kkalkolat fuq bażi ta' mingħajr xaħmijiet, li mhux x'imkien ieħor spċifikat jekk inkluż:  — Estratt tal-maltu  — Oħrajn	Manifattura minn ċereali tal-Kapitolu 10  Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura barra minn dik tal-prodott. Madankollu, z-zokkor ta' l-intestatura Nru 1701 mgħandux jiġi użat
1902	Għażin, irrisspettivament jekk hux imsajjar jekk mimli (bil-laħam jew susanzi ohrajin) jew mod ieħor ippreparat, bħall-ispagetti, l-imqarrun, tarja, lażanje, njokki, ravju, kannelloni, kuskus, irrisspettivament jekk hux ippreparati jekkulur le	Manifattura li fiha ċ-ċereali kollha (ħlief qamħ iebes), laħam, interjuri tal-laħam, ħut, krustaċji jekk molluski wżati, jridu jkunu diġà oriġinanti
1903	Tapjoka jekk is-sostituti tagħha, preparata mill-lamtu, fil-forma ta' qxur, granulati, perlini, passati jekk forom simili	Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati jridu jkunu diġà oriġinanti

(1)	(2)	(3)
ex 1904	<p>Ikel ippreparat, minfuħ jew mixwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju <i>corn flakes</i>); ċereali (barra mill-qamħirrum), fil-forma ta' żbul, jew fil-forma ta' qxur jew granuli oħra mah-duma (ħlief dqiq u smida) imsajjar minn qabel jew ippreparat mod ieħor, mhux spċifikat jew inkluż mkien ieħor:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Ma fihx kawkaw</li> <li>— Fih il-kawkaw</li> </ul>	<p>Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati jridu jkunu diġà oriġinanti</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi l-materjali kollha ta' l-intestatura Nru 1904, ħlief zokkor ta' l-intestatura Nru 1701, kemm-il darba l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 18 użati, ma jeċċedix l-40 % tal-prezz mill-fabrika tal-prodott</p>
1905	Ħobż, prodotti ta' l-għażina, kejkijiet, galletini, jew prodotti oħra tal-furnar, irrispettivament jew fihomx kawkaw, ostji, pakketti vojta tat-tip għall-użu farmaċewtiku, rita tas-siġilli, karta tar-ross u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief dawk tal-Kapitolu 11
2001	Ħxejjex, frott, lewż, u partijiet ta' l-ikel ta' pjanti, ppreparati jew ippriżervati bil-hall jew aċċidu aċetiku	Manifattura li fiha l-frott kollu, lewż, jew ħxejjex użati jridu jkunu diġà oriġinanti
2002	Tadam ippreparat jew mod ieħor ippriservat barra minn bil-hall jew aċċidu aċetiku	Manifattura li fiha t-tadam kollu wżat irid ikun diġà oriġinanti
2003	Faqqiegħ u tartufi, ippreparati jew ippriżervati mod ieħor, barra milli bil-ħall jew bl-aċċidu aċetiku	Manifattura li fiha l-faqqiegħ kollu u t-tartufi kollha jridu jkunu diġà oriġinanti
2004 u 2005	Ħxejjex oħra ppreparati jew priżervati, barra milli bil-hall jew aċċidu aċetiku, iffriżati jew mħumiex, barra minn prodoti ta' l-intestatura Nru 2006	Manifattura li fiha l-ħxejjex kollha wżati, jridu jkunu diġà oriġinanti
2006	Ħxejjex, frottijiet, lewż, qxur tal-frott u partijiet oħra tal-pjanti, ppriservati biz-zokkor (msoffija, <i>glacé</i> jew kristallizati)	Manifattura li fiha l-ħxejjex kollha, l-frott, l-lewż jew partijiet oħra ta' pjanti u z-zokkrijiet kollha tal-Kapitolu 17 użat jridu ikunu diġà oriġinanti
2007	Ġammijiet, ġelatina al-frott, marmellati, purea tal-frott jew tal-lewż, u pasta tal-frott jew tal-lewż, preparati imsajjra, irrispettivament jekk fihomx zokkor miżjud jew dulċifikant ieħor	Manifattura li fiha l-frott kollu jew il-lewż u kull zokkor tal-Kapitolu 17 użat, irid ikun diġà oriġinanti
2008	<p>Frottijiet, lewż, u partijiet li jittieku ta' pjanti, preparati mod ieħor jew priżervati, irrispettivament jekk fihomx zokkor miżjud jew materja oħra ta' ħlewwa jew spirti, mhux spċifikat x'imkien ieħor jew inklużi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Frott u lewżimsajra mod ieħor milli bil-fwar jew mgħollija fl-ilma, mingħajr zokkor miżjud, iffriżati</li> <li>— Oħrajn</li> </ul>	<p>Manifattura li fiha l-frott kollu u l-lewż żat irid ikun diġà oriġinanti</p> <p>Manifattura li fiha l-frott kollu, n l-lewż, żerriegħa u materjali oħra tal-Kapitoli 8 u 9 u z-zokkor kollu jew xarbiet, spirti u hall tal-Kapitoli 17 jew 22 użati, jridu jkunu diġà oriġinanti</p>
2009	Meraq tal-frott (inkluż most tal-għeneb) u meraq tal-ħxejjex, mhux fermentat u ma jinkludix spirtu miżjud, irrispettivament jew fihx zokkor miżjud jew dulċifikanti oħra	Manifattura li fiha l-frott kollu, l-lewż, u l-ħxejjex tal-Kapitoli 7 u 8 u kull zokkor tal-Kapitoli 17 użat irid ikun diġà oriġinanti

(1)	(2)	(3)
ex 2101	Ċikwejra mixwija u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom	Manifattura li fiha ċ-ċikwejra kollha wżata trid tkun diġà oriġinanti
ex 2103	Zlazi u preparazzjonijiet tagħhom; kondimenti mħallta u tħawir imħallat	Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura li mhix tal-prodott. Madankollu, dqiq tal-mustarda jew smida jew mustarda preparata jistgħu jintużaw.
ex 2103	— Mustarda ppreparata	Manifattura minn dqiq tal-mustarda jew smida
2104	Sopop u brodi, u preparazzjonijiet tagħhom; preparazzjonijiet ta'ikel kompost u omoġenizzat:  — Sopop u brodi u preparazzjonijiet tagħhom  — Preparati komposti omoġenizzati ta' l-ikel	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief hxejj-jex ippreparati u ppriservati ta' l-intestatura Nru 2002 sa 2005  Ir-regola għall-intestatura li fih il-prodott jiġi klassifikat bl-ingrossa għandha tapplika
ex 2105	Ġelat u silġ ieħor ta' l-ikel, li jkun fih iċ-ċikkulata	Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura li mhix tal-prodott, sakemm il-valur ta' kwalunkwe materjal tal-Kapitolu 18 użat, ma jeċċedix l-40 % tal-prezz mill-fabrikatal-prodott
ex 2106	Xiroppi taz-zokkor, bit-togħma jew ikkuluriti	Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati jridu jkunu diġà oriġinanti
ex 2106	Preparazzjonijiet alkoħoliċi komposti, barra minn dawk bbażati fuq sustanzi odoriferi, tat-tip użati għall-manifattura ta' xarbiet	Manifattura minn kwalunkwe intestatura barra l-għeneb jew kull materjal derivat mill-għeneb
2201	Ilma, inkluż ilma minerali, naturali jew artifiċjali, u ilma bil-gass, li ma fihx zokkor inkluż jew dulċifikant u mhux mogħti t-togħma; silġ u borra	Manifattura li fiha l-ilma kollu wżat irid ikun diġà oriġinanti
2202	Ilma, inkluż l-ilma minerali u l-ilma bil-gass, li jkun fih iz-zokkor miżjud jew dulċifikant ieħor jew mogħti t-togħma, u xarbiet oħra mhux alkoħoliċi, li ma jkun fihom meraq tal-frott jew tal-hnejex ta' l-intestatura Nru 2009	Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura li mhix tal-prodott. Madankollu l-meraq tal-frott kollu wżat irid ikun diġà oriġinanti
ex 2204	Inbid mill-għeneb frisk, inkluż inbid fortifikat, u most tal-għeneb miżjud bl-alkoħol	Manifattura minn most tal-għeneb ieħor
ex 2205 ex 2207 ex 2208 u ex 2209	Dawn li ġejjin, fihom materjali mill-għeneb:  — Vermut, u inbid ieħor t'għeneb frisk mogħti t-togħma, minn pjanti jew sostanzi aromatiċi;  — alkoħol etiliku spirti oħrajn, żnaturati jew le; spirti, likuri u xarbiet oħra spiritużi;  — hall	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief għeneb jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb

(1)	(2)	(3)
ex 2208	Wiskijiet ta' saħħa alkoħolika bil-volum t'anqas minn 50 % vol	Manifattura li fiha l-valur ta' kwalunkwe spirti bbażati fuq ċereali wżati ma jeċċedux 15 % tal-prezz mill-fabbrikatal-prodott
ex 2303	Residwi mill-manifattura ta' lamtu mill-qamħirrum (eskuži l-likuri konċentrat), b'kontenut ta' proteina, kalkulat fuq il-prodott xott, jeċċedi l-40 % bil-piż	Manifattura li fiha l-qamħirrum kollu wżat irid ikun diġà oriġinanti
ex 2306	Kejk taż-żejt u residwi oħra solidi li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt taż-żebuga, li jkun fih aktar minn 3 % taż-żejt taż-żebuga	Manifattura li fiha ż-żebuga kollu wżat irid ikun diġà oriġinanti
2309	Preparati tat-tip użat għall-ikel ta' l-annimali	Manifattura li fiha ċ-ċereali kollha wżati, zokkor jew molassi, laħam jew ħalib użat irid ikun diġà oriġinanti
2402	Sigarri, sigarri suwed, cigarillos, u sigaretti, tat-tabakk jew sostituti tat-tabakk	Manifattura li fiha mill-lanqas 70 % bil-piż tat-tabakk mhux manifatturat jew skart tat-tabakk ta' l-intestatura Nru 2401 użat irid ikun diġà oriġinanti
ex 2403	Tabakk għat-tipjip	Manifattura li fiha mill-lanqas 70 % bil-piż tat-tabakk mhux manifatturat jew skart tat-tabakk ta' l-intestatura Nru 2401 użat irid ikun diġà oriġinanti
ex 2504	Grafit naturali (kristallin), b'kontenut arrikit ta' karbonju, purifikat u mitħun	Arrikiment ta' kontenut tal-karbonju, purifikazzjoni u tħin ta' graft naturali (kristallin)
ex 2515	Irħam maqtugħ bis-serrieq, jew fi blokki ta' forma rettangolari (jew kwadra), ta' ħxuna li ma teċċedix 25 cm	Qtugħ bis-serrieq jew b'mod ieħor ta' ġebel (ukoll jekk diġà sserrat) ta' ħxuna li teċċedix il-25 cm
ex 2516	Granit, porfirju tal-granit, bażalt, ġebel tal-franka, u ġebel ieħor monumentali jew għall-bini, maqtuġħ permezz ta' serrieq jew inkella fi blokki ta' forma rettangolari (inkluża kwadra), ta' ħxuna li ma teċċedix 25 mm	Qtugħ permezz ta' serrieq, ta' ġebel (ukoll jekk diġà sserrat) ta' ħxuna li teċċedix 25 cm
ex 2518	Dolomit kalċinat	Kalċinazzjoni ta' dolomit mhux kalċinat
ex 2519	Manjeżju karbonat naturali mfarrak (manjeżit) f'kontenituri ermetikament issiġillati, u ossidu tal-manjeżju, pur jew le, barra minn manjeżja maħlula, jew manjeżja maħruqa mejta sinterizzata.	Manifattura li fiha l-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura li mhix tal-prodott. Madankollu, l-manjeżju karbonat naturali, (manježite) jista' jiġi wżat
ex 2520	Ġibs, ippreparat b'mod speċjali għad-dentisterija	Manifattura li fiha l-valur kollu tal-materjali wżat ma jaqbisx 50 % tal-prezz mill-fabbrika, tal-prodott
ex 2524	Fibri ta' l-asbestos naturali	Manifattura minn asbestos konċentrat
ex 2525	Trab tal-mika	Thin tal-mika jew skart tal-mika
ex 2530	Kuluri ta' l-art, kalċinati u magħmula fit-trab	Kalċinazzjoni u tħin ta' kuluri ta' l-art

(1)	(2)	(3)
ex 2707	Żjut li l-piż tal-kostitwenti armatiċi tagħhom jeċċedi dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, sakemm ikunu żjut simili għaż-żjut minerali, akkwistati permezz ta' distillazzjoni ta' żift tal-faħam b'temperatura għolja, li minnhom aktar minn 65 %, permezz ta' distilazzjonijiet bil-volum f'temperatura ta' 250 °C (inklużi taħlillet ta' spiritu tal-pitrolju u benzol), għall-użu bħala karburanti għall-enerġija u s-sħana.	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew wieħed jew aktar proċess/i speċifiċi (1) Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura li mhix tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura, jistgħu jiġu wżat, sakemm il-valur tagħhom ma jeċċedix 50 % tal-prezz mill-fabrika tal-prodott
ex 2709	Żjut krudi li jirriżultaw minn minerali tal-bitumen	Distillazzjoni distruttiva tal-materjali tal-bitumen
2710 sa 2712	Żjut tal-pitrolju u żjut akkwistati minn materjali tal-bitumen, barra minn krud; preparati mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, li jkun fihom b'piż, 70 % jew aktar ta' żjut tal-pitrolju jew ta' żjut riżultanti minn minerali tal-bitumen, dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparati  Gassijiet tal-pitrolju u idrokarburi oħra tal-gass  Ģelatinatal-pitrolju, xamà tal-paraffin, xamà tal-pitrolju microkristallin, xamà tal-pitrolju, xamà mill-fdalijiet, ożokerit, xamà tal-linjiet, xamà tal-peat, xamà oħra minerali u prodotti simili riżultanti permezz tas-sintesi jew permezz ta' proċessi oħra, irrispettivament hux ikkuluriti jew le	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew wieħed jew aktar proċess(i) speċifiċi (1) jew Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha wżati huma klassifikati taħt intestatura li mhix tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jeċċedix 50 % tal-prezz mill-fabrikatal-prodott
